EBA/GL/2018/04

19 ta' Lulju 2018

# Linji Gwida

## dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet

# 1. Obbligi ta’ konformità u ta’ rapportar

## Status ta’ dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [1]. F’konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar il-prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta’ Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f’qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta’ rapportar

3. B’konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma’ dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta’ konformità, sa ([jj.xx.ssss]). Fin-nuqqas ta’ kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki jenħtieġ li jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza ‘EBA/GL/201x/xx’. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b’awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f’isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus tal-konformità għandha tiġi rrappurtata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f’konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, kamp ta’ applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett u kamp ta’ applikazzjoni

5. Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jipprovdu rekwiżiti, metodoloġiji u proċessi organizzazzjonali komuni għat-twettiq ta’ testijiet tal-istress mill-istituzzjonijiet, billi jiġu kkunsidrati l-adegwatezza kapitali u l-ġestjoni tar-riskju, bħala parti mill-proċessi ta’ ġestjoni tar-riskju tagħhom (“l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet”).

6. Fil-kuntest tal-gruppi, dawn il-linji gwida japplikaw ukoll għal istituzzjonijiet li jipparteċipaw f’eżerċizzju partikolari ta’ ttestjar tal-istress skont il-perimetru tal-applikazzjoni ta’ dak l-eżerċizzju partikolari tal-ittestjar tal-istress u l-livell ta’ applikazzjoni stabbilit fl-Artikoli 108 u 109 tad-Direttiva 2013/36/UE.

7. It-termini “istituzzjoni” u “speċifiku għall-istituzzjoni” għandhom jitqiesu li jirreferu għal istituzzjoni waħedha, jew għall-istituzzjoni prinċipali f’perimetru partikolari ta’ applikazzjoni ta’ eżerċizzju partikolari tal-ittestjar tal-istress jew għall-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru jew għall-istituzzjoni prinċipali tal-UE abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(47) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

## Destinatarji

8. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-istituzzjonijiet kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li huma wkoll istituzzjonijiet skont l-Artikolu 4(1)(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

## Definizzjonijiet/tassonomija

9. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE għandhom l-istess tifsira f’dawn il-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta’ dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| (1) Test tal-istress tas-solvenza | tfisser il-valutazzjoni tal-impatt ta’ ċerti żviluppi, inklużi xenarji makro- jew mikroekonomiċi, fuq il-pożizzjoni kapitali globali ta’ istituzzjoni, inkluż fuq ir-rekwiżiti tal-fondi proprji minimi jew addizzjonali, bl-ipproġettar tar-riżorsi u r-rekwiżiti kapitali |

| | | |
|---|---|---|
| | | tal-istituzzjoni, b'enfasi fuq il-vulnerabbiltajiet tal-istituzzjoni u valutazzjoni tal-kapaċità tagħha li tassorbi t-telf u l-impatt fuq il-pożizzjoni tas-solvenza tagħha. |
| (2) | Test tal-istress tal-likwidità | tfisser il-valutazzjoni tal-impatt ta' ċerti żviluppi, inklużi xenarji makro- jew mikroekonomiċi, minn perspettiva ta' finanzjament u likwidità u xokkijiet fuq il-pożizzjoni globali tal-likwidità ta' istituzzjoni, inkluż fuq ir-rekwiżiti minimi jew addizzjonali tagħha. |
| (3) | Test tal-istress kontroġerarkiku | tfisser test tal-istress (tas-solvenza jew tal-likwidità) bil-karatteristiċi kollha li ġejjin:<br><br>i. isir mill-istituzzjonijiet permezz ta' mudelli proprji interni żviluppati;<br><br>ii. huwa bbażat fuq is-suppożizzjonijiet jew ix-xenarji proprji tal-istituzzjoni, b'restrizzjonijiet konservattivi possibbli mill-awtoritajiet;<br><br>iii. huwa bbażat fuq id-*data* proprja tal-istituzzjoni u l-livell potenzjalment għoli ta' granularità tad-*data*, bl-użu possibbli ta' *data* esterna għal ċerta informazzjoni addizzjonali; u<br><br>iv. jikkonċerna portafolli partikolari jew lill-istituzzjoni kollha kemm hi, u jipproduċi riżultati dettaljati dwar l-impatt potenzjali ta' konċentrazzjonijiet ta' skoperturi, rabtiet istituzzjonali u probabbiltajiet ta' kontaġju fuq ir-rati ta' telf tal-istituzzjoni. |
| (4) | Test tal-istress ġerarkiku | tfisser test tal-istress (tas-solvenza jew tal-likwidità) bil-karatteristiċi kollha li ġejjin:<br><br>i. isir mill-awtoritajiet kompetenti jew minn awtoritajiet makroprudenzjali;<br><br>ii. huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet (makroprudenzjali) ġenerali jew sistemiċi jew xenarji mfassla minn awtoritajiet kompetenti jew makroprudenzjali u applikabbli għall-istituzzjonijiet rilevanti kollha;<br><br>iii. awtoritajiet kompetenti jew awtoritajiet makroprudenzjali jġestixxu l-proċess u jikkalkulaw ir- |

riżultati b'inqas involviment tal-istituzzjonijiet milli fil-każ tat-test tal-istress kontroġerarkiku;

iv. huwa bbażat l-aktar fuq *data* aggregata tal-istituzzjoni u informazzjoni inqas dettaljata, skont is-suppożizzjonijiet tat-test tal-istress, jew xi drabi bbażat fuq *data* aktar dettaljata tal-istituzzjoni jekk ikun meqjus meħtieġ mill-awtoritajiet; u

v. jippermetti qafas uniformi u komuni u valutazzjoni komparattiva tal-impatt ta' eżerċizzju partikolari tal-ittestjar tal-istress tul l-istituzzjonijiet.

---

(5) Suppożizzjoni tal-karta bilanċjali statika

tfisser suppożizzjoni metodoloġika li skontha l-impatt tax-xenarji tat-test tal-istress irid jitkejjel fuq is-suppożizzjoni ta' "karta bilanċjali kostanti" u ta' "mudell ta' negozju mhux mibdul jew stabbli" tul il-perjodu ta' projezzjoni, li ttejjeb il-komparabilità tar-riżultati fost l-istituzzjonijiet, u għalhekk:

i. tipprojbixxi milli jiġu kkunsidrati, għall-kalkolu tal-impatt tax-xenarji, il-bidliet fl-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni li jirriżultaw, b'mod indikattiv, minn azzjonijiet ta' ġestjoni, żidiet jew work-outs ta' self eżistenti jew differenzi f'maturitajiet jew karatteristiċi oħra ta' dawn l-assi jew obbligazzjonijiet (minkejja l-applikazzjoni tal-metodoloġija tat-test tal-istress, li tista' twassal għal bidliet fid-daqs u l-kompożizzjoni tal-karta bilanċjali, u b'mod partikolari l-bażi kapitali, fuq il-perjodu ta' projezzjoni, minħabba, pereżempju, nuqqasijiet ġodda, indebolimenti, żidiet fl-istokk jew aġġustamenti tal-valur tal-assi finanzjarji); u

ii. tippermetti l-inklużjoni ta' assi u obbligazzjonijiet ġodda sakemm dawn l-elementi ġodda jkollhom l-istess karatteristiċi ewlenin (maturitajiet, profili ta' riskju, eċċ.) ta' dawk esklużi.

---

(6) Suppożizzjoni tal-karta bilanċjali dinamika

tfisser suppożizzjoni metodoloġika li skontha l-impatt tax-xenarju tat-test tal-istress irid jitkejjel fuq il-possibilità ta' karta bilanċjali mhux kostanti u ta' mudell ta' negozju li jevolvi tul il-perjodu ta' projezzjoni. Skont is-suppożizzjoni tal-karta bilanċjali dinamika, l-eżitu tat-test tal-istress jirrifletti taħlita tax-xenarju impost u l-azzjonijiet risponsivi meħuda mill-

| | |
|---|---|
| | maniġment li jnaqqsu l-komparabilità tar-riżultati tul l-istituzzjonijiet. L-ammont ta' azzjonijiet risponsivi meħuda mill-maniġment jista' jkun kostrett jew mhux kostrett (eż. interventi ppjanati mill-bidu u indipendenti mix-xenarju u/jew kondizzjonali fuq ix-xenarji tat-test tal-istress). |
| (7) Test tal-istress fil-livell tal-portafoll | tfisser test tal-istress ta' portafoll individwali jew bosta portafolli b'enfasi fuq l-implikazzjonijiet tax-xokkijiet minn fattur wieħed ta' riskju jew diversi fatturi ta' riskju. |
| (8) Analiżi tas-sensittività | tfisser test tal-istress li jkejjel l-impatt potenzjali ta' fattur ta' riskju wieħed speċifiku jew ta' diversi fatturi ta' riskju sempliċi, li jaffettwaw lill-kapital jew lil-likwidità fuq portafoll partikolari jew fuq l-istituzzjoni sħiħa. |
| (9) L-analiżi tax-xenarji | tfisser il-valutazzjoni tar-reżiljenza ta' istituzzjoni jew ta' portafoll għal xenarju speċifiku li tinkludi sett ta' fatturi ta' riskju, li kollha għandu jkollhom il-karatteristiċi li ġejjin:<br>i. huma allinjati b'mod internament konsistenti;<br>ii. il-fatturi ta' riskju li jifformaw is-sett rilevanti jippresupponu l-okkorrenza fl-istess ħin ta' avvenimenti prospettivi li jkopru firxa ta' riskji u oqsma ta' negozju; u<br>iii. is-sett ta' fatturi ta' riskju għandu wkoll l-għan li jiżvela, kemm jista' jkun, in-natura ta' riskji konnessi bejn il-portafolli u fiż-żmien, interazzjonijiet fis-sistema kollha u effetti ta' feedback. |
| (10) Test għal stress bl-invers | tfisser test tal-istress tal-istituzzjoni li jibda mill-identifikazzjoni tal-eżitu definit minn qabel (eż. punti li fihom mudell kummerċjali ta' istituzzjoni ma jibqax vijabbli, jew li fihom l-istituzzjoni tista' titqies li qed tfalli jew probabbli tfalli fit-tifsira tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE) u mbagħad jesplora xenarji u ċirkustanzi li jistgħu jikkawżaw dan. L-ittestjar għal stress bl-invers għandu jkollu waħda jew aktar mill-karatteristiċi li ġejjin:<br>i. jintuża bħala għodda ta' ġestjoni tar-riskju mmirata biex iżżid is-sensibilizzazzjoni tal-istituzzjoni dwar il-vulnerabbiltajiet tagħha billi l-istituzzjoni tidentifika u |

tivvaluta espliċitament ix-xenarji (jew taħlita ta' xenarji) li jirriżultaw f'eżitu definit minn qabel;

ii. l-istituzzjoni tiddeċiedi dwar it-tip u l-ħin (avvenimenti skattaturi) ta' azzjonijiet ta' ġestjoni jew ta' azzjonijiet oħra meħtieġa kemm għal (a) ir-rettifika ta' fallimenti tan-negozju jew problemi oħrajn; u (b) l-allinjament tal-aptit għar-riskju tagħha mar-riskji attwali żvelati mill-ittestjar għal stress bl-invers;

iii. l-ittestjar għal stress bl-invers speċifiku jista' jiġi applikat ukoll fil-kuntest tal-ippjanar tal-irkupru (eż. testijiet għal stress bl-invers applikati f'kuntest usa' jistgħu jintużaw sabiex jinformaw test tal-istress ta' pjan ta' rkupru billi jidentifikaw il-kundizzjonijiet li taħthom jista' jkun hemm bżonn l-ippjanar tal-irkupru).

| | |
|---|---|
| (11) Effetti indiretti jew ta' feedback | tfisser l-effetti konsegwenzjali (in-natura tal-effetti ta' feedback mhijiex limitata għal effetti makroekonomiċi) ikkawżati mir-reazzjonijiet ta' istituzzjonijiet individwali għal xokk oriġinali estern, li – b'mod aggregat – ġeneralment jamplifikaw (jistgħu wkoll itaffu) tali xokk oriġinali, u b'hekk jikkawżaw loop ta' feedback negattiva ieħor. |
| (12) Severità tax-xenarju | tfisser il-grad ta' severità tas-suppożizzjonijiet jew id-deterjorament tax-xenarju (mil-linja bażi għal xenarju avvers) espress f'termini tal-varjabbli makroekonomiċi u finanzjarji sottostanti (jew kwalunkwe suppożizzjoni oħra). Aktar ma jkun sever ix-xenarju, b'mod ġenerali, aktar ikun kbir l-impatt tat-test tal-istress fuq l-istituzzjoni, biex b'hekk tiġi ddeterminata s-severità attwali tat-test tal-istress. |
| (13) Plawżibbiltà tax-xenarju | tfisser il-grad safejn xenarju jista' jitqies li x'aktarx jimmaterjalizza fir-rigward tal-konsistenza tar-relazzjoni ta' dak ix-xenarju mal-varjabbli makroekonomiċi u finanzjarji attwali, l-appoġġ tax-xenarju minn narrativa koerenti u l-appoġġ tax-xenarju mid-distribuzzjoni tal-probabilità u l-esperjenzi storiċi. Il-plawżibbiltà mhix limitata għal esperjenzi storiċi, u għalhekk il-ġudizzju espert li jqis ambjenti ta' riskju li qed jinbidlu (eż. waqfiet strutturali osservati) u avvenimenti ta' stress li kienu osservati f'ambjenti ta' riskju simili barra mill-esperjenza storika diretta proprja tal-istituzzjoni għandu |

| | |
|---|---|
| | jkollhom rwol ewlieni. Huwa wkoll possibbli li jintużaw metodi simulattivi (eż/ simulazzjonijiet Monte Carlo). |
| (14) Xenarju ta' ankraġġ | tfisser tip ta' xenarju normalment imfassal minn awtorità kompetenti biex jistabbilixxi l-istandard tas-severità għal test tal-istress partikolari, li huwa impost fuq l-istituzzjonijiet, kemm bħala x-xenarju li għandu jiġi applikat fit-test tal-istress jew bħala punt ta' riferiment tas-severità għall-iżvilupp tax-xenarji proprji tal-istituzzjoni. |
| (15) Aggregazzjoni tad-*data* tar-riskju | tfisser id-definizzjoni, il-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* tar-riskju skont ir-rekwiżiti tar-rapportar tar-riskju tal-istituzzjoni biex hija tkun tista' tkejjel il-prestazzjoni tagħha mqabbla mat-tolleranza/mal-aptit għar-riskju tagħha. Dan jinkludi l-issortjar, it-tgħaqqid jew it-tqassim ta' settijiet ta' *data*. |
| (16) Infrastruttura tad-*data* | tfisser strutturi u faċilitajiet fiżiċi u organizzattivi biex tinbena u tinżamm arkitettura ta' *data* u teknoloġija tal-informatika (IT) biex tappoġġja l-aggregazzjoni tad-*data* tar-riskju tal-istituzzjoni u l-politika interna dwar ir-rapportar tar-riskju. |

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta’ applikazzjoni

10. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-1 ta’ Jannar 2019.

## Tħassir

11. Il-linji gwida li ġejjin huma mħassra b’effett mid-data ta’ pubblikazzjoni ta’ dawn il-linji gwida fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

- *Linji gwida dwar l-ittestjar tal-istress tal-KSBE (GL32)*[2]

[2] https://www.eba.europa.eu/documents/10180/16094/ST_Guidelines.pdf

# 4. L-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet

## 4.1 Programm tal-ittestjar tal-istress

12. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom stabbilit programm tal-ittestjar tal-istress li jkopri tal-inqas dawn li ġejjin:

a) it-tipi ta' ttestjar tal-istress u l-għanijiet u l-applikazzjonijiet ewlenin tagħhom;

b) il-frekwenza tad-diversi eżerċizzji ta' ttestjar tal-istress;

c) l-arranġamenti ta' governanza interna li jinkludu linji ta' responsabbiltà u proċeduri definiti sew, trasparenti u konsistenti;

d) fil-każ ta' grupp, l-ambitu tal-entitajiet inklużi u l-kopertura (eż. tipi ta' riskju u portafolli) tat-testijiet tal-istress;

e) l-infrastruttura tad-*data* rilevanti;

f) id-dettalji metodoloġiċi, inklużi l-mudelli użati u r-rabtiet possibbli bejn testijiet tal-istress tal-likwidità u testijiet tal-istress tas-solvenza, jiġifieri l-kobor ta' tali interazzjonijiet dinamiċi u l-ikkunsidrar tal-effetti ta' feedback;

g) il-firxa ta' suppożizzjonijiet, inklużi azzjonijiet ta' negozju u maniġerjali u ta' rimedju maħsuba għal kull test tal-istress.

13. L-istituzzjonijiet prinċipali fi Stat Membru u l-istituzzjonijiet prinċipali fl-UE għandhom jiżviluppaw ukoll programm ta' ttestjar tal-istress tal-grupp li għandu jiġi approvat u mmonitorjat mill-korp ta' ġestjoni u implimentat mill-maniġment superjuri fil-kuntest tal-politika ċentralizzata tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju. Programm tal-ittestjar tal-istress tal-grupp għandu jinkludi u jindirizza, safejn ikun xieraq, lill-istituzzjonijiet kollha soġġetti għall-konsolidazzjoni prudenzjali.

14. L-istituzzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni prudenzjali għandhom iqisu l-programm tal-ittestjar tal-istress tal-grupp rilevanti meta jistabbilixxu l-programmi tal-ittestjar tal-istress individwali tagħhom.

15. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu wkoll ittestjar għal stress bl-invers u xenarji tal-ittestjar għal stress bl-invers fil-programmi tal-ittestjar tal-istress tagħhom.

16. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-programmi ta' ttestjar tal-istress tagħhom huma vijabbli u fattibbli u li jinfurmaw it-teħid tad-deċiżjonijiet dwar ir-riskji materjali eżistenti u potenzjali kollha f'kull livell ta' ġestjoni xieraq.

17. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw regolarment il-programmi tal-ittestjar tal-istress tagħhom biex jiddeterminaw l-effettività u r-robustezza tagħhom, u għandhom jaġġornawhom kif xieraq. Il-valutazzjoni għandha ssir mill-inqas darba fis-sena u abbażi kemm ta' analiżi kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva, u għandha tirrifletti b'mod sħiħ il-bidliet fil-kundizzjonijiet esterni u interni. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-frekwenza tal-valutazzjonijiet tikkunsidra l-frekwenza tal-applikazzjonijiet tat-test tal-istress korrispondenti.

18. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-analiżi kwantitattiva tagħhom skont il-paragrafu preċedenti tinkludi testijiet kwantitattivi sodi bħala għodod ta' ttestjar retrospettiv biex jivvalidaw is-suppożizzjonijiet, il-parametri u r-riżultati tal-mudelli tal-ittestjar tal-istress (eż. mudelli tar-riskju ta' kreditu, mudelli tar-riskji tas-suq, mudelli ta' dħul nett qabel il-provvediment). L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-analiżi kwalitattiva tagħhom skont il-paragrafu preċedenti tkun ibbażata fuq ġudizzji esperti jew fuq valutazzjonijiet komparattivi.

19. Meta tivvaluta l-programm tal-ittestjar tal-istress, l-istituzzjoni għandha tqis tal-inqas dawn li ġejjin:

   a) l-effettività tal-programm biex jintlaħqu l-għanijiet maħsuba tiegħu;

   b) il-ħtieġa ta' titjib;

   c) il-fatturi ta' riskju identifikati, id-definizzjonijiet u r-raġunament għax-xenarji rilevanti, is-suppożizzjonijiet tal-mudell u s-sensittività tar-riżultat għal dawn is-suppożizzjonijiet, kif ukoll ir-rwol tal-ġudizzju espert biex jiġi żgurat li jkun akkumpanjat minn analiżi soda;

   d) il-prestazzjoni tal-mudell, inkluża l-prestazzjoni tiegħu dwar *data* barra mill-kampjun, jiġifieri dwar *data* li ma ntużatx għall-iżvilupp tal-mudell;

   e) kif jiġu inkorporati loops avversi possibbli ta' solvenza-likwidità;

   f) l-adegwatezza tal-interkonnessjonijiet possibbli bejn testijiet tal-istress tas-solvenza u testijiet tal-istress tal-likwidità;

   g) il-feedback mill-awtoritajiet kompetenti fil-kuntest tat-testijiet tal-istress superviżorji jew testijiet oħrajn tagħhom;

   h) l-adegwatezza tal-infrastruttura tad-*data* (l-implimentazzjoni tas-sistemi u l-kwalità tad-*data*);

   i) il-livell ġust ta' involviment tal-maniġment superjuri u tal-korp ta' ġestjoni;

   j) is-suppożizzjonijiet kollha inklużi suppożizzjonijiet kummerċjali u/jew maniġerjali, u azzjonijiet ta' ġestjoni previsti, ibbażati fuq l-iskop, it-tip u r-riżultat tal-ittestjar tal-istress, inkluża valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-azzjonijiet ta' ġestjoni f'sitwazzjonijiet ta' stress u f'ambjent tan-negozju li qed jinbidel; u

   k) l-adegwatezza tad-dokumentazzjoni rilevanti.

20. Il-programm tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjoni għandu jkun iddokumentat kif xieraq għat-tipi kollha ta' testijiet tal-istress imwettqa fil-livell tat-tip ta' riskju wieħed u/jew tal-portafoll, kif ukoll fil-livell tad-ditta kollha. Id-dokumentazzjoni għandha tkopri tal-inqas:

a) l-approċċ tal-ittestjar tal-istress;

b) l-interkonnessjonijiet possibbli bejn it-testijiet tal-istress tas-solvenza u t-testijiet tal-istress tal-likwidità, jiġifieri immappjar bejn id-deterjorament dwar il-pożizzjoni kapitali (solvenza) u l-kapaċità li jinħarġu karti kummerċjali u bonds (likwidità), probabbiltajiet immotivati minn xejriet ta' inadempjenza (solvenza) u l-migrazzjoni tal-klassifikazzjoni implikata tal-assi mhux mirhuna tal-banek u l-effett fuq kollateral depożitat fil-bank ċentrali rilevanti (likwidità), iż-żieda f'self improduttiv mistenni (solvenza) u t-tnaqqis fl-influssi mistennija minn ħlasijiet lura ta' self jew minn bonds korporattivi mhux finanzjari (likwidità), jew nuqqas ta' likwidità possibbli (likwidità) u bejgħ bl-għaġġla ta' assi (solvenza), u żieda fl-ispejjeż tal-finanzjament (likwidità) u l-effetti tal-P&L (solvenza);

c) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet kif determinati fil-politika interna, bl-ispeċifikazzjoni tar-rwoli għat-tieni u t-tielet linja ta' difiża, u l-proċessi għal mill-inqas it-twettiq tal-programm tal-ittestjar tal-istress;

d) deskrizzjoni tal-proċess sħiħ tat-tfassil, l-approvazzjoni, it-twettiq, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-valutazzjoni perjodika tal-programm tal-ittestjar tal-istress u l-eżiti tiegħu;

e) deskrizzjoni tal-proċessi għall-evalwazzjoni tal-eżiti tal-ittestjar tal-istress, inklużi d-dettalji ta' oqsma li jeħtieġu ġudizzju manwali jew uman f'ċerti partijiet, u wkoll tal-proċess għall-użu tar-riżultati għall-infurmar tal-azzjonijiet ta' ġestjoni u l-istrateġija tal-istituzzjoni; u

f) deskrizzjoni u inventarju tal-applikazzjonijiet rilevanti tal-IT użati għall-ittestjar tal-istress (u fejn jeżisti inventarju ċentrali, tista' ssir referenza għalih).

21. Il-programm tal-ittestjar tal-istress għandu jiġi kkritikat mill-organizzazzjoni kollha, pereżempju mill-kumitat tar-riskju u mill-awdituri interni. L-unitajiet tan-negozju li mhumiex responsabbli mid-disinn u l-applikazzjoni tal-programm u/jew esperti esterni mhux involuti għandu jkollhom rwol ewlieni fil-valutazzjoni ta' dan il-proċess, waqt li tiġi kkunsidrata l-esperjenza rilevanti għal suġġetti speċifiċi.

22. Kemm fil-każ tad-disinn inizjali kif ukoll tal-valutazzjoni tal-programm tal-ittestjar tal-istress, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li jkun sar djalogu effettiv bl-involviment ta' esperti minn kull qasam ta' negozju tal-istituzzjoni u li l-programm u l-aġġornamenti tiegħu ġew rieżaminati kif suppost mill-maniġment superjuri xieraq[3] u mill-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni, li huma responsabbli wkoll mill-monitoraġġ u s-superviżjoni tat-twettiq tiegħu.

[3] Ara wkoll Titolu II, Taqsima 1, tal-Linji gwida dwar il-Governanza Interna tal-EBA.

## 4.2 L-aspetti ta’ governanza tal-ittestjar tal-istress

23. Il-korp ta’ ġestjoni għandu japprova[4] il-programm tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjoni u jissorvelja l-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tiegħu.

24. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit taħt l-Artikolu 91(1) tad-Direttiva 2013/36/UE[5] li l-membri tal-korp ta’ ġestjoni għandu dejjem ikollhom għarfien, ħiliet u esperjenza biżżejjed biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom, l-istituzzjoni għandha tiżgura li l-korp ta’ ġestjoni tagħha huwa kapaċi jifhem kompletament l-impatt ta’ avvenimenti ta’ stress fuq il-profil tar-riskju globali tal-istituzzjoni.

25. Il-korp ta’ ġestjoni għandu jifhem l-aspetti materjali tal-programm tal-ittestjar tal-istress biex ikun jista’:

    (a) jidħol b’mod attiv f’diskussjonijiet ma’ kumitati għall-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet, fejn applikabbli, jew ma’ maniġment superjuri jew konsulenti esterni involuti fl-ittestjar tal-istress;

    (b) jikkontesta suppożizzjonijiet ta’ mmudellar ewlenin, l-għażla tax-xenarju u s-suppożizzjonijiet sottostanti għat-testijiet tal-istress inġenerali; u

    (c) jiddeċiedi dwar l-azzjonijiet ta’ ġestjoni meħtieġa u jiddiskutihom mal-awtoritajiet kompetenti.

26. Il-programm tal-ittestjar tal-istress għandu jitwettaq skont il-politiki u l-proċeduri interni rilevanti tal-istituzzjoni. Il-korp ta’ ġestjoni tal-istituzzjoni għandu jiżgura li jiġu assenjati u allokati responsabbiltajiet ċari u riżorsi suffiċjenti (eż. riżorsi umani mħarrġa u sistemi ta’ teknoloġija tal-informatika) għat-twettiq tal-programm.

27. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-elementi kollha tal-programm tal-ittestjar tal-istress, inkluża l-valutazzjoni tiegħu, huma ddokumentati kif xieraq u aġġornati regolarment, fejn rilevanti, fil-politiki u l-proċeduri interni.

28. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-programm tal-ittestjar tal-istress jiġi kkomunikat b’mod effettiv fil-linji ta’ negozju u fil-livelli ta’ ġestjoni, bl-għan li titqajjem kuxjenza, tittejjeb il-kultura tar-riskju u jinbdew diskussjonijiet dwar ir-riskji eżistenti u potenzjali kif ukoll dwar l-azzjonijiet ta’ ġestjoni possibbli.

29. Il-programm tal-ittestjar tal-istress għandu jkun parti integrali mill-qafas ta’ ġestjoni tar-riskju ta’ istituzzjoni (inkluż fil-kuntest tal-proċess ta’ valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapaċità (ICAAP) u tal-proċess ta’ valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-likwidità (ILAAP)). It-testijiet tal-istress għandhom jappoġġjaw deċiżjonijiet u proċessi ta’ negozju differenti, kif

[4] Ara wkoll Titolu II, Taqsima 1, tal-Linji gwida dwar il-Governanza Interna tal-EBA.

[5] Ara wkoll it-Titolu III, Taqsima 8, tal-Linji gwida Konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta’ ġestjoni u tad-detenturi ta’ funzjonijiet ewlenin skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE.

ukoll l-ippjanar strateġiku, inkluż l-ippjanar tal-kapital u tal-likwidità. Id-deċiżjonijiet għandhom iqisu n-nuqqasijiet, il-limitazzjonijiet u l-vulnerabbiltajiet waqt l-ittestjar tal-istress.

30. Il-korp ta' ġestjoni għandu jqis l-eżiti tat-testijiet tal-istress, b'mod partikolari fir-rigward tal-limitazzjonijiet identifikati, il-vulnerabbiltajiet u n-nuqqasijiet misjuba, meta jistabbilixxu l-istrateġija tal-istituzzjoni u meta jieħdu d-deċiżjonijiet kollha rilevanti li jaffettwaw lill-ippjanar tal-kapital, tal-likwidità, tal-irkupru u tar-riżoluzzjoni.

31. Ir-riżultati tat-testijiet tal-istress (kwantitattivi u kwalitattivi) għandhom jintużaw bħala inputs għall-proċess tal-istabbiliment tal-aptit għar-riskju u l-limiti tar-riskju tal-istituzzjoni. Barra minn hekk għandhom jaġixxu bħala għodda tal-ippjanar sabiex tiġi ddeterminata l-effettività ta' strateġiji ta' negozju ġodda u eżistenti u l-impatt tagħhom fuq l-użu tal-kapital. Biex jippermettu dan, ir-riżultati essenzjali minn eżerċizzju tal-ittestjar tal-istress għandhom ikunu rekwiżiti ta' telf, ta' kapital u ta' likwidità implikati, kif ukoll il-kapital u l-likwidità disponibbli.

32. It-testijiet tal-istress għandhom isiru bi frekwenza xierqa biex ikunu parti sinifikanti mill-ġestjoni tar-riskju ta' istituzzjoni. Din il-frekwenza għandha tiġi ddeterminata wara li jitqiesu l-kamp ta' applikazzjoni u t-tip tat-test tal-istress, in-natura, l-iskala, id-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni (prinċipju tal-proporzjonalità), il-karatteristiċi tal-portafoll kif ukoll il-bidliet fl-ambjent makroekonomiku jew fl-attivitajiet tan-negozju tal-istituzzjoni.

## 4.3 Infrastruttura tad-*data*

33. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-programm tal-ittestjar tal-istress ikun appoġġjat minn infrastruttura ta' *data* adegwata.

34. Biex ikun żgurat li ġiet stabbilita infrastruttura tad-*data* xierqa, l-istituzzjonijiet, inklużi dawk li mhumiex istituzzjonijiet globali sistematikament importanti (G-SIIs), għandhom ukoll jagħmlu ħilithom biex jirreferu, safejn ikun xieraq, għall-prinċipji għal aggregazzjoni effettiva ta' *data* tar-riskju u rapportar tar-riskju tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja[6].

35. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tad-*data* tagħhom għandha l-kapaċità li tiflaħ għall-ħtiġijiet ta' *data* estensiva tal-programm tal-ittestjar tal-istress tagħhom u li għandhom stabbiliti mekkaniżmi biex jiżguraw il-kapaċità kontinwa tagħhom li jwettqu ttestjar tal-istress kif ippjanat skont il-programm.

36. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tad-*data* tippermetti kemm il-flessibilità kif ukoll il-livelli xierqa ta' kwalità u kontroll.

37. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tad-*data* tagħhom hija proporzjonata għad-daqs, il-kumplessità u r-riskju u l-profil tan-negozju tagħhom, u tippermetti t-twettiq ta' testijiet tal-istress li jkopru r-riskji materjali kollha li l-istituzzjoni hija esposta għalihom.

---

[6] http://www.bis.org/publ/bcbs239.pdf

38. L-istituzzjonijiet għandhom jiddedikaw riżorsi umani, finanzjarji u materjali suffiċjenti biex jiggarantixxu l-iżvilupp effettiv u ż-żamma tal-infrastruttura tad-*data* tagħhom, inklużi sistemi tat-teknoloġija tal-informatika.

39. L-istituzzjonijiet għandhom ukoll iqisu l-infrastruttura tad-*data* għall-ittestjar tal-istress bħala parti mill-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informatika ġenerali tagħhom u għandhom jagħtu kunsiderazzjoni adegwata lill-ippjanar tal-kontinwità tan-negozju, l-identifikazzjoni ta' investimenti fuq terminu twil u proċessi oħrajn tal-IT.

## Kapaċitajiet ta' aggregazzjoni tad-*data* għall-finijiet tal-ittestjar tal-istress

40. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu *data* dwar ir-riskju preċiża u affidabbli aġġornata sabiex iwettqu testijiet ta' stress affidabbli u għandu jkollhom stabbilit ukoll proċess iddedikat għall-aggregazzjoni u l-produzzjoni ta' tali *data*.

41. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-aggregazzjoni tad-*data* tagħhom dwar ir-riskju hija karatterizzata minn preċiżjoni u integrità, kompletezza, prontezza u adattabilità.

42. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li d-*data* hija aggregata fuq bażi ġeneralment awtomatizzata biex tonqos il-probabbiltà ta' żball. B'mod partikolari, għandha tkun stabbilita sistema dettaljata ta' rikonċiljazzjoni u ta' kontrolli.

43. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom il-kapaċità li jiżguraw il-kompletezza tad-*data* dwar ir-riskju. Għal dak l-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li d-*data* dwar ir-riskju tkopri kompletament ukoll ir-riskji barra l-karta bilanċjali u li tista' tinkiseb faċilment fi kwalunkwe livell tal-istituzzjoni. Il-materjalità, f'termini ta' riskju eżistenti u potenzjali, għandha tiġi kkunsidrata.

44. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jipproduċu informazzjoni aggregata dwar ir-riskju f'waqtha biex jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' rapportar matul il-proċess tal-ittestjar tal-istress wara stadji differenti ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontestazzjoni; għal dak l-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw struttura effiċjenti li tiżgura l-prontezza.

45. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jiġġeneraw *data* aggregata sabiex jissodisfaw firxa wiesgħa ta' talbiet fuq talba li joħorġu kemm minn ħtiġijiet interni fl-istituzzjoni kif ukoll esternament minn talbiet superviżorji.

## Prattiki ta' rapportar għall-finijiet ta' ttestjar tal-istress

46. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-proċess ta' rapportar tar-riskju tagħhom:

a) huwa appoġġjat kompletament minn kapaċitajiet ta' aggregazzjoni ta' *data*;

b) iwassal b'mod eżatt u preċiż *data* aggregata dwar ir-riskju u jirrifletti r-riskju b'mod eżatt;

c) ikopri r-riskji materjali kollha u, b'mod partikolari, jippermetti l-identifikazzjoni ta' vulnerabbiltajiet emerġenti li jistgħu potenzjalment ikunu vvalutati aktar anki fl-istess eżerċizzju ta' ttestjar tal-istress;

d) joffri jew kapaċi joffri informazzjoni addizzjonali dwar is-suppożizzjonijiet ewlenin, il-livelli ta' tolleranza u twissijiet; u

e) jikkomunika informazzjoni b'mod ċar u konċiż inkluża informazzjoni sinifikanti mfassla għall-ħtiġijiet tar-riċevituri.

## 4.4 Il-kamp ta' applikazzjoni u l-kopertura tal-ittestjar tal-istress

### 4.4.1 Rekwiżiti ġenerali

47. It-testijiet tal-istress għandhom iqisu t-tipi kollha ta' riskju materjali billi jikkunsidraw kemm l-assi u l-obbligazzjonijiet fil-karta bilanċjali kif ukoll barra l-karta bilanċjali ta' istituzzjoni inklużi l-entitajiet strutturati rilevanti.

48. It-testijiet tal-istress għandhom jinkludu riskji f'diversi livelli ta' istituzzjoni. F'dan ir-rigward, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kamp ta' applikazzjoni tal-ittestjar tal-istress jista' jvarja minn sensittività sempliċi fil-livell tal-portafoll jew analiżijiet fil-livell tar-riskju individwali sa ttestjar tal-istress komprensiv ta' xenarju għall-istituzzjoni kollha.

49. It-testijiet tal-istress għandhom iqisu l-bidliet f'korrelazzjonijiet bejn it-tipi ta' riskju u l-fatturi ta' riskju, fil-livell tal-entità individwali u fil-livell tal-grupp kollu. Dawn għandhom iqisu wkoll li l-korrelazzjonijiet għandhom it-tendenza li jiżdiedu fi żminijiet ta' diffikultà finanzjarja jew ekonomika u li huma meħtieġa analiżijiet każ b'każ ta' kif ċerti korrelazzjonijiet iġibu ruħhom f'ċerti xenarji.

### 4.4.2 L-ittestjar tal-istress fil-livell tal-portafoll u tar-riskju individwali

50. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu testijiet tal-istress fuq bażi ta' portafoll individwali, li jkopru t-tipi ta' riskji kollha li jaffettwaw lil dawn il-portafolli, bl-użu ta' analiżijiet kemm ta' sensittività kif ukoll ta' xenarji. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw fatturi ta' riskju u l-livell adegwat ta' stress tagħhom, kull fejn ikun possibbli, fil-livell ta' portafoll individwali.

51. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li jittestjaw l-istress ta' portafolli u linji jew unitajiet ta' negozju biex jidentifikaw konċentrazzjonijiet fir-riskji u bejn ir-riskji – jiġifieri konċentrazzjonijiet ta' fatturi ta' riskju fit-tipi ta' riskju u fosthom (inklużi effetti ta' kontaġju.

52. B'mod partikolari, meta jqisu l-konċentrazzjonijiet bejn ir-riskji, l-istituzzjonijiet għandhom jaggregaw tipi ta' riskju, b'mod partikolari r-riskju tas-suq u r-riskju ta' kreditu, sabiex jiksbu fehim aħjar tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju potenzjali tagħhom f'sitwazzjoni ta' stress. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw rabtiet potenzjali bejn l-iskoperturi li jistgħu jkunu riskjużi matul perjodi ta' diffikultà finanzjarja jew ekonomika, kif ukoll janalizzaw suppożizzjonijiet dwar id-dipendenzi u l-korrelazzjonijiet bejn it-tipi ta' riskju f'sitwazzjoni ta' stress.

### 4.4.3 L-ittestjar tal-istress fl-istituzzjoni kollha

53. Sabiex tingħata stampa kompluta u olistika tar-riskji tal-istituzzjoni, minbarra testijiet tal-istress fil-livell tal-entitajiet singoli, l-ittestjar tal-istress għandu jsir ukoll fil-livell tal-grupp u fost il-portafolli u t-tipi ta' riskju individwali.

54. Għandu jitqies li:

   a) ir-riskji fil-livell tal-istituzzjoni kollha jistgħu ma jkunux riflessi sew minn aggregazzjoni sempliċi ta' testijiet tal-istress fuq il-portafolli, oqsma ta' riskju individwali jew unitajiet tan-negozju tal-grupp;

   b) il-korrelazzjonijiet, it-tpaċija ta' skoperturi u konċentrazzjonijiet individwali jistgħu jwasslu jew għall-għadd doppju tar-riskji jew għal sottovalutazzjoni tal-impatt ta' fatturi tar-riskju taħt stress; u

   c) riskji speċifiċi għall-grupp jistgħu jinħolqu fil-livell tal-istituzzjoni kollha u, għalhekk, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li r-riskji materjali kollha u l-fatturi ta' riskju korrispondenti tagħhom huma wkoll identifikati fil-livell tal-istituzzjoni kollha; meta wieħed iħares lejn ir-riskji fil-livell tal-istituzzjoni kollha, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-konċentrazzjonijiet tar-riskju fuq bażi olistika.

55. Grupp jew istituzzjoni li hija attiva fuq livell internazzjonali għandha twettaq ukoll testijiet tal-istress fil-livell tal-unitajiet tan-negozju f'reġjuni ġeografiċi jew f'setturi ta' negozju jew linji ta' negozju speċifiċi biex jiġu kkunsidrati fatturi ta' riskju li jvarjaw bejn negozji u reġjuni differenti.

## 4.5 Proporzjonalità

56. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-programm tal-ittestjar tal-istress għandu jkun konsistenti mal-profil tar-riskju individwali tagħha u mal-mudell ta' negozju tagħha.

57. Meta jiżviluppaw u jimplimentaw programm ta' ttestjar tal-istress, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu d-daqs u l-organizzazzjoni interna tagħhom, kif ukoll in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. Istituzzjonijiet sinifikanti u dawk aktar kumplessi, inkluż fil-livell konsolidat, għandu jkollhom programmi ta' ttestjar tal-istress aktar sofistikati, filwaqt li istituzzjonijiet u gruppi żgħar u inqas kumplessi (livell konsolidat) jistgħu jimplimentaw programmi ta' ttestjar tal-istress aktar sempliċi.

58. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità u sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tar-rekwiżiti, l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin:

   a) id-daqs f'termini tat-total tal-karta bilanċjali jew il-kwantità tal-assi miżmuma mill-istituzzjoni jew mis-sussidjarji tagħha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament prudenzjali;

b) il-preżenza ġeografika tal-istituzzjoni u d-daqs tal-operazzjonijiet tagħha f'kull ġurisdizzjoni;

c) il-forma ġuridika tal-istituzzjoni u jekk l-istituzzjoni tagħmilx parti minn grupp jew le u, jekk iva, il-valutazzjoni tal-proporzjonalità mwettqa għall-grupp;

d) jekk l-istituzzjoni hijiex elenkata jew le;

e) jekk l-istituzzjoni hijiex awtorizzata jew le biex tuża mudelli interni għall-kejl tar-rekwiżiti kapitali (eż. l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB));

f) it-tip ta' attività u servizzi awtorizzati (eż. self u depożiti, bank tal-investimenti);

g) il-mudell u l-istrateġija kummerċjali sottostanti, in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet kummerċjali u l-istruttura organizzattiva;

h) l-istrateġija tar-riskju, il-predispożizzjoni għar-riskju u l-profil tar-riskju attwali tal-istituzzjoni, filwaqt li jitqies ukoll ir-riżultat tal-valutazzjoni annwali tal-adegwatezza tal-kapital;

i) l-istruttura ta' sjieda u l-istruttura ta' finanzjament tal-istituzzjoni;

j) it-tip ta' klijenti (eż. bejjiegħa bl-imnut, korporattivi, istituzzjonali, negozji żgħar, entità pubblika) u l-kumplessità tal-prodotti jew tal-kuntratti;

k) il-proċessi, is-servizzi u l-attivitajiet esternalizzati u l-kanali ta' distribuzzjoni tagħhom;

l) is-sistemi ta' teknoloġija tal-informatika eżistenti, inklużi s-sistemi ta' kontinwità tal-IT u l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni f'dan il-qasam, eż. cloud computing.

## 4.6 Tipi ta' ttestjar tal-istress

### 4.6.1 Rekwiżiti ġenerali

59. Id-disinn speċifiku, il-kumplessità u l-livell ta' dettall tal-metodoloġiji tat-test tal-istress għandhom ikunu xierqa għan-natura, l-iskala u d-daqs tal-istituzzjoni kif ukoll għall-kumplessità u għar-riskju tal-attivitajiet kummerċjali tagħha. Għandu jikkunsidra l-istrateġija u l-mudell ta' negozju kif ukoll il-karatteristiċi tal-portafoll tal-istituzzjoni.

60. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-istadju fiċ-ċiklu ekonomiku meta jfasslu metodoloġiji ta' ttestjar tal-istress, inkluż ix-xenarju u l-ħtieġa għal azzjonijiet ta' ġestjoni possibbli.

61. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw mekkaniżmi xierqa, sinifikanti u robusti għat-traduzzjoni ta' fatturi ta' riskju f'parametri rilevanti tar-riskju intern (probabilità tal-inadempjenza (PD), telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD), tħassir, telf impost ta' valur ġust, eċċ.) li jagħtu lil istituzzjoni u lil grupp viżjoni tar-riskji.

62. Ir-rabta bejn il-fatturi tar-riskju taħt stress u l-parametri tar-riskju mhux biss għandha tkun ibbażata fuq esperjenza u analiżi storiċi tal-istituzzjoni, iżda għandha tkun supplimentata wkoll,

fejn disponibbli u xieraq, b'punti ta' referenza minn sorsi esterni u, fejn possibbli, minn gwida superviżorja.

63. Minħabba l-kumplessità involuta fl-immudellar ta' fatturi/xenarji tar-riskju bbażati fuq il-makroekonomija u l-ipoteżi, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu konxji mir-riskju tal-mudell involut u jiżguraw li dan li ġej ikun sar meta jistabbilixxu dawk il-fatturi/xenarji:

   a) ikun sar rieżami espert regolari u konservattiv biżżejjed tas-suppożizzjonijiet u l-mekkaniżmi tal-mudell u jkun ġie segwit approċċ ta' mudellar konservattiv għar-riskju tal-mudell;

   b) ġie applikat grad suffiċjenti ta' konservatiżmu kif xieraq meta saru suppożizzjonijiet li jkunu diffiċli jitkejlu b'mod kwantitattiv (eż. diversifikazzjoni, tkabbir esponenzjali pproġettat, tariffi previsti, fehmiet ta' ġestjoni prospettivi) iżda li jista' jkollhom impatt fuq ir-riżultati tal-mudell (eż. ir-riżultati tal-mudelli tad-dħul nett ta' qabel il-provvediment għandhom ikunu bbażati fuq appoġġ statistiku suffiċjenti kif ukoll kunsiderazzjonijiet tan-negozju); u

   c) id-dipendenzi u s-sensitivitajiet tar-riżultati fuq is-suppożizzjonijiet ġew rikonoxxuti u l-impatt tagħhom huwa vvalutat fuq bażi regolari.

64. In-nuqqasijiet tal-mudelli u tal-mekkaniżmi li jorbtu l-fatturi ta' riskju mat-telf jew ma' parametri miżjuda tar-riskju għandhom jinftiehmu, jiġu kkomunikati b'mod ċar u meqjusa meta jiġu interpretati r-riżultati. Il-mudelli għandhom iqisu l-interazzjonijiet bejn is-solvenza u l-likwidità ta' finanzjament u l-ispejjeż ta' finanzjament sabiex ma jissottovalutawx l-impatt ta' xokk b'mod sistematiku u sinifikanti. Fejn ikun possibbli, ir-riżultati għal approċċi ta' mudellar differenti għandhom jitqabblu (eż. għall-mudelli ta' dħul nett ta' qabel il-provvediment, it-tqabbil bejn il-mudell użat u approċċi oħrajn possibbli u r-raġuni għar-rifjut tagħhom għandhom ikunu disponibbli). Dawn ir-rabtiet għandhom ikunu bbażati fuq mudelli ta' statistika sodi. Madankollu, jekk id-disponibilità jew il-kwalità tad-data jew il-pawżi strutturali fid-*data* storika ma jippermettux stimi sinifikanti (eż. għall-mudelli ta' dħul nett ta' qabel il-provvediment, jenħtieġ li jkun hemm *data* storika li tkopri ċiklu ta' rata ta' mgħax u ċiklu ta' negozju, kif ukoll informazzjoni dwar bidliet fl-istrateġija tan-negozju u l-istruttura tal-organizzazzjoni), l-analiżijiet kwantitattivi għandhom ikunu appoġġjati b'ġudizzji esperti kwalitattivi. Anki fejn il-proċess ta' mmudellar sottostanti huwa robust, il-ġudizzju espert għandu jkollu rwol fl-ikkontestar tar-riżultati tal-mudell.

65. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw interazzjonijiet mhux lineari possibbli bejn il-fatturi tar-riskju u parametri tar-riskju taħt stress.

### 4.6.2 Analiżi tas-sensittività

66. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu analiżijiet tas-sensittività fil-livell tal-iskoperturi individwali, tal-portafolli jew tal-unitajiet tan-negozju, tal-istituzzjoni kollha, u għal tipi speċifiċi ta' riskju, proporzjonati għall-kumplessità tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw f'liema livell ta' aggregazzjoni l-analiżijiet tas-sensittività huma sinifikanti jew saħansitra fattibbli. L-użu ta' ġudizzju espert għandu jkun iċċarat fid-dettall kull meta jkun applikabbli.

67. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw fatturi ta' riskju rilevanti f'diversi livelli ta' applikazzjoni ta' rekwiżiti prudenzjali u fost portafolli, unitajiet ta' negozju u postijiet ġeografiċi differenti. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li t-tipi ta' riskju kollha rilevanti huma koperti, inklużi varjabbli makroekonomiċi u makrofinanzjarji, aspetti statistiċi ta' parametri tar-riskju (bħall-volatilità tal-parametri PD) u fatturi idjosinkratiċi bħal riskji operazzjonali.

68. L-istituzzjonijiet għandhom jiddefinixxu l-fatturi ta' riskju identifikati permezz ta' gradi differenti ta' severità bħala pass importanti fl-analiżi tagħhom sabiex jiżvelaw nonlinearitajiet u effetti tal-limitu, jiġifieri, valuri kritiċi ta' fatturi ta' riskju li lil hinn minnhom ir-rispons tal-istress jaċċelera.

69. Fejn ikun hemm inċertezzi dwar ir-robustezza tad-dipendenza stmata bejn il-fatturi tar-riskju makroekonomiċi/makrofinanzjarji u l-parametri tar-riskju jew ikun hemm ħtieġa biex jiġu vvalidati r-riżultati ta' analiżijiet ta' xenarji aktar komprensivi, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li l-analiżijiet tas-sensittività jitwettqu wkoll bit-tqegħid ta' aspetti statistiċi tal-parametri tar-riskju tal-portafoll taħt stress skont id-distribuzzjonijiet storiċi ssupplimentati b'suppożizzjonijiet ipotetiċi (eż. fir-rigward tal-volatilitajiet futuri).

70. L-analiżijiet ta' fatturi tar-riskju waħdieni għandhom ikunu ssupplimentati b'analiżijiet sempliċi ta' fatturi ta' diversi riskji, fejn wieħed jassumi okkorrenza kombinata, mingħajr ma neċessarjament jiġi definit xenarju.

71. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu lista ta' fatturi ta' riskju identifikati.

### 4.6.3 L-analiżi tax-xenarji

72. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-analiżijiet tax-xenarju jkunu parti essenzjali mill-programmi tal-ittestjar tal-istress tagħhom.

73. Id-disinn tax-xenarji tat-test tal-istress m'għandux ikun ibbażat biss fuq avvenimenti storiċi, iżda għandu jqis ukoll xenarji ipotetiċi bbażati fuq avvenimenti mhux storiċi. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li d-disinni tax-xenarju jkunu prospettivi u jqisu bidliet sistematiċi u speċifiċi għall-istituzzjoni fil-preżent u fil-futur prevedibbli. Għal dak l-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jużaw *data* esterna minn ambjenti ta' riskju simili rilevanti għall-istituzzjonijiet b'mudelli ta' negozju simili. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw *data* li hija rilevanti u disponibbli. Id-*data* rilevanti tista' tkun interna u/jew esterna u tinkorpora gwida ta' referenza u superviżorja.

74. Għandha titqies firxa ta' xenarji li jinkludu avvenimenti u gradi ta' severità differenti meta dawn ikunu sinifikanti u fattibbli.

75. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li x-xenarji tat-test tal-istress tagħhom jissodisfaw tal-inqas dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

a) jindirizzaw il-fatturi ta' riskju ewlenin li l-istituzzjoni tista' tkun esposta għalihom; f'dan ir-rigward, ir-riżultati miksuba minn analiżijiet ta' fatturi ta' riskju waħdieni, li għandhom l-

għan li jipprovdu informazzjoni dwar is-sensittività lejn fatturi ta' riskju waħdieni, għandhom jintużaw biex jidentifikaw xenarji li jinkludu stress ta' sett ikkombinat ta' fatturi ta' riskju plawżibbli ħafna; l-ebda fattur ta' riskju materjali m'għandu jitħalla mhux taħt stress jew mhux ikkunsidrat;

b) jindirizzaw vulnerabbiltajiet ewlenin speċifiċi għall-istituzzjoni, li ġejjin mill-karatteristiċi reġjonali u settorjali ta' istituzzjoni, kif ukoll l-iskoperturi speċifiċi tal-prodott jew tal-linja tan-negozju u l-politiki ta' finanzjament tagħha: riskji ta' konċentrazzjoni u ta' korrelazzjoni, kemm fir-riskji kif ukoll bejn ir-riskji, għandhom jiġu identifikati *a priori*;

c) jinkludu narrattiva koerenti għax-xenarju, li tkopri l-fatturi ta' riskju ewlenin kollha kif ukoll l-iżvilupp (prospettiv) tagħhom fuq il-bażi ta' avvenimenti skattaturi multipli (jiġifieri politika monetarja, żviluppi fis-settur finanzjarju, prezzijiet tal-prodotti bażiċi, avvenimenti politiċi u diżastri naturali); l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li n-narrattiva tax-xenarju hija plawżibbli u mhux kontradittorja meta wieħed jassumi l-komoviment ta' fatturi ta' riskju u r-reazzjoni korrispondenti tal-parteċipanti fis-suq; u, fejn ċerti fatturi ta' riskju huma esklużi min-narrattiva tax-xenarju, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li din l-esklużjoni hija kompletament ġustifikata u dokumentata;

d) huma internament koerenti, sabiex ikun żgurat li l-fatturi ta' riskju identifikati jġibu ruħhom b'mod konsistenti ma' fatturi oħra ta' riskju f'avveniment taħt stress u li fihom stimi u suppożizzjonijiet espliċiti dwar l-istruttura ta' dipendenza fost il-fatturi prinċipali ta' riskju sottostanti; huwa importanti li l-komovimenti fil-fatturi ta' riskju li jistgħu jidhru kontradittorji għandhom ikunu esplorati sabiex jiġu identifikati sensittivitajiet ġodda;

e) iqisu l-innovazzjoni u b'mod aktar speċifiku l-iżviluppi teknoloġiċi jew prodotti finanzjarji sofistikati mingħajr ma jinjoraw l-interazzjoni tagħhom ma' prodotti aktar tradizzjonali; u

f) jiżguraw li l-fatturi ta' riskju taħt stress jiġu tradotti f'parametri tar-riskju internament konsistenti.

76. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-medda ta' żmien tal-ittestjar tal-istress skont l-għan tal-eżerċizzju, il-karatteristiċi tal-portafoll tal-istituzzjoni bħall-maturità tiegħu u l-likwidità tal-pożizzjonijiet taħt stress, fejn applikabbli, kif ukoll il-profil tar-riskju. L-ittestjar tal-istress tas-solvenza u l-ittestjar tal-istress tal-likwidità jeħtieġu meded ta' żmien u xenarji differenti.

77. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li:

a) it-testijiet tal-istress iqisu b'mod espliċitu l-interdipendenzi dinamiċi, eż. fost reġjuni ekonomiċi u fost setturi ekonomiċi, inkluż is-settur finanzjarju;

b) ix-xenarju globali jqis id-dinamika tas-sistema kollha, eż. l-għeluq ta' ċerti swieq, u konċentrazzjonijiet ta' riskju f'kategorija ta' assi sħiħa (eż. self ipotekarju); u

c) id-dinamiċi ta' feedback avvers, ikkawżati minn fatturi bħal interazzjonijiet fost ir-rekwiżiti ta' valutazzjonijiet, telf u marġinazzjoni, huma koperti.

78. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu valutazzjonijiet kwalitattivi ta' effetti indiretti jew ta' feedback tal-istress fil-livell individwali, fejn xieraq u b'mod partikolari jekk ma tista' tiġi

stabbilita l-ebda stima kwantitattiva. Pereżempju, istituzzjoni individwali tista' toħloq xi aġġustamenti fil-prezz jew fil-volum sabiex tqis xi effetti strateġiċi (eż. il-livell ta' strateġija ta' self) u twieġeb b'mod endoġenu għax-xenarju.

### 4.6.4 Is-severità tax-xenarji

79. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-ittestjar tal-istress huwa bbażat fuq xenarji severi iżda plawżibbli u l-grad ta' severità għandu jirrifletti l-għan tat-test tal-istress. Għal dan il-għan, it-testijiet tal-istress għandhom ikunu:

a) sinifikanti f'termini ta' indirizzar tar-riskji rilevanti għall-istituzzjoni bil-ħsieb li tiġi promossa l-istabbiltà tal-istituzzjoni f'kundizzjonijiet avversi u, fil-każ ta' banek sistemikament importanti, anki s-sistema finanzjarja fil-punti kollha fiċ-ċiklu ekonomiku u ċ-ċaqliq fuq is-suq inklużi s-swieq ta' finanzjament; u

b) applikati b'mod konsistenti fl-istituzzjoni kollha, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-impatt ta' xenarji identiċi mhux neċessarjament ikun sever għal-linji tan-negozju kollha.

80. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li d-diversi gradi ta' severità jitqiesu kemm għall-analiżi tas-sensittività kif ukoll għall-ittestjar tal-istress tax-xenarju li jkopru mill-inqas tnaqqis ekonomiku serju wieħed għall-valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali u għall-għanijiet tal-ippjanar tal-kapital.

81. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li s-severità tkun stabbilita wara li jkunu tqiesu l-vunerabbiltajiet speċifiċi ta' kull istituzzjoni għal xenarju speċifiku abbażi tal-mudell ta' negozju tagħha (eż. esposta għas-swieq internazzjonali). L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw ix-xenarji proprji tagħhom u m'għandhomx ikunu dipendenti minn xenarji mis-superviżuri. Meta tivvaluta s-severità ta' xenarju, l-istituzzjoni għandha tkun konxja mid-dinamika tal-ambjenti tar-riskju u mill-esperjenzi ta' istituzzjonijiet b'mudelli ta' negozju simili.

82. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li x-xenarji tagħhom jivvalutaw bidliet assoluti u relattivi fil-fatturi ta' riskju. F'xenarju assolut, il-grad ta' severità għandu jkun bidla diretta tal-fattur ta' riskju u ma jiddependix mil-livell attwali. F'xenarju relattiv, il-grad ta' severità għandu jiddependi mil-livell u mis-sitwazzjoni ekonomika attwali (eż. it-tkabbir tal-PDG jonqos bi 2 %, jiġifieri bidla relattiva fil-livell assolut). Pereżempju, bidla relattiva negattiva ta' 2 % fil-PDG minn punt ta' tluq b'marġni sostanzjali pożittiva tal-potenzjal tal-produzzjoni (jiġifieri l-PDG attwali huwa sostanzjalment ogħla mill-PDG strutturali) mhux neċessarjament twassal għal effett ta' stress sever fuq il-PDG f'termini assoluti/ta' livell. Bl-istess mod, aktar ma tkun ħażina s-sitwazzjoni ekonomika attwali mill-bidu aktar se jkun sever l-istress ta' xenarju relattiv. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-għażla tax-xenarju tagħhom hija severa biżżejjed kemm f'termini relattivi kif ukoll assoluti. Kemm l-għażla kif ukoll l-impatt tagħha fuq il-grad ta' severità għandhom ikunu ġustifikati u dokumentati.

83. Biex jivvalutaw il-grad xieraq ta' severità tax-xenarji, l-istituzzjonijiet għandhom iqabbluhom ukoll max-xenarji msemmija fl-ittestjar għal stress bl-invers tagħhom, billi jikkunsidraw implikazzjonijiet speċifiċi tad-disinn tat-test għal stress bl-invers għall-plawżibbiltà tax-xenarju.

### 4.6.5 Ittestjar għal stress bl-invers

## Rekwiżiti

84. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu testijiet għal stress bl-invers adegwati bħala parti mill-programm tal-ittestjar tal-istress, li jikkondividu l-istess governanza, infrastruttura effettiva u standards ta' kwalità, u biex jikkumplimentaw tipi oħrajn ta' ttestjar tal-istress, billi jqisu n-natura, id-daqs, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tan-negozju u r-riskji tagħhom. Istituzzjonijiet żgħar u inqas kumplessi jistgħu jiffukaw aktar fuq l-aspetti kwalitattivi tal-ittestjar għal stress bl-invers filwaqt li tekniki ta' ttestjar għal stress bl-invers aktar sofistikati huma meħtieġa minn istituzzjonijiet akbar u aktar kumplessi. L-ittestjar għal stress bl-invers għandu jkun definit b'mod ċar f'termini ta' responsabbiltajiet u riżorsi allokati u għandu jkun appoġġjat minn infrastruttura li hija adatta u flessibbli u minn politiki u proċeduri bil-miktub. L-ittestjar għal stress bl-invers għandu jsir b'mod regolari minn kull tip ta' istituzzjoni u fl-istess livell ta' applikazzjoni tal-ICAAP u tal-ILAAP (eż. fl-istituzzjoni kollha u li jkopri t-tipi ta' riskju rilevanti kollha).

85. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu xenarji identifikati permezz tal-ittestjar għal stress bl-invers sabiex jikkumplimentaw il-firxa ta' xenarji tat-test tal-istress li jagħmlu u, għal finijiet ta' tqabbil, sabiex jivvalutaw is-severità globali, filwaqt li jidentifikaw xenarji severi iżda xorta waħda plawżibbli. L-ittestjar għal stress bl-invers għandu jkun utli għall-valutazzjoni tas-severità tax-xenarji għat-testijiet tal-istress tal-ICAAP u tal-ILAAP. Is-severità tax-xenarji tal-ittestjar għal stress bl-invers tista' tkun ivvalutata wkoll billi tiġi mqabbla, fost l-oħrajn, ma' xenarji storiċi jew oħrajn superviżorji disponibbli pubblikament.

86. Fit-twettiq tat-testijiet għal stress bl-invers tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw ukoll jekk il-falliment ta' waħda jew aktar mill-kontropartijiet tagħhom jew tfixkil sinifikanti fis-suq li jirriżulta mill-falliment ta' parteċipant ewlieni fis-suq (b'mod separat jew kombinat) jikkawżawx l-eżitu definit minn qabel.

## L-użu tal-ittestjar għal stress bl-invers

87. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-ittestjar għal stress bl-invers bħala għodda regolari għall-ġestjoni tar-riskju sabiex itejbu l-għarfien tagħhom dwar il-vulnerabbiltajiet attwali u potenzjali, u jipprovdu valur miżjud lill-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet. Il-prinċipju tal-proporzjonalità japplika għall-aspetti kollha tal-użu tal-ittestjar għal stress bl-invers. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw ukoll li r-riżultat iddefinit minn qabel tal-ittestjar għal stress bl-invers jista' jkun prodott minn ċirkustanzi oħrajn barra ċ-ċirkustanza analizzata fit-test tal-istress.

88. Bħala parti mill-ippjanar tan-negozju u l-ġestjoni tar-riskju, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-ittestjar għal stress bl-invers sabiex jifhmu l-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tal-mudelli u l-istrateġiji tan-negozju tagħhom, kif ukoll biex jidentifikaw ċirkustanzi fejn jistgħu jkunu qed ifallu jew x'aktarx li jfallu fit-tifsira tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE. Huwa importanti li l-

istituzzjonijiet jidentifikaw indikaturi li jipprovdu allert meta xenarju jinbidel f'realtà. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom:

a) jidentifikaw l-eżitu definit minn qabel li jrid jiġi ttestjat (eż. ta' mudell ta' negozju li mhux qed jibqa' vijabbli);

b) jidentifikaw ċirkustanzi avversi possibbli li jesponuhom għal vulnerabbiltajiet severi u jikkawżaw l-eżitu definit minn qabel;

c) jivvalutaw (skont id-daqs tal-istituzzjoni, kif ukoll skont in-natura, l-iskala, il-kumplessità u r-riskju tal-attivitajiet tan-negozju tagħha) il-probabbiltà li l-avvenimenti inklużi fix-xenarji jwasslu għall-eżitu definit minn qabel; u

d) jadottaw arranġamenti, proċessi, sistemi jew miżuri oħrajn effettivi sabiex jipprevjenu jew itaffu r-riskji u l-vulnerabbiltajiet identifikati.

89. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-ittestjar għal stress bl-invers fl-ippjanar u fit-teħid tad-deċiżjonijiet u biex jisfidaw il-mudelli u l-istrateġiji tan-negozju tagħhom sabiex jidentifikaw u janalizzaw x'jista' jwassal biex il-mudelli tan-negozju ma jibqgħux vijabbli, bħall-valutazzjoni kemm tal-abilità li jiġġeneraw redditu fix-xhur ta' wara kif ukoll tas-sostenibbiltà tal-istrateġija biex jiġġeneraw redditu fuq perjodu itwal ibbażat fuq pjanijiet strateġiċi u previżjonijiet finanzjarji. Huwa mistenni l-involviment tal-korp ta' ġestjoni u tal-maniġment superjuri matul il-proċess.

90. Fejn l-ittestjar għal stress bl-invers jiżvela li r-riskju ta' istituzzjoni li jfalli l-mudell ta' negozju huwa inaċċettabbilment għoli u mhux konsistenti mal-aptit għar-riskju tagħha, l-istituzzjoni għandha tippjana miżuri sabiex tipprevjeni jew ittaffi tali riskju, billi tqis iż-żmien li l-istituzzjoni għandu jkollha biex tirreaġixxi għal dawn l-eventi u timplimenta dawk il-miżuri. Bħala parti minn dawn il-miżuri, l-istituzzjoni għandha tikkunsidra jekk humiex meħtieġa bidliet fil-mudell ta' negozju tagħha. Dawn il-miżuri li ġejjin mill-ittestjar għal stress bl-invers, inkluża kwalunkwe bidla fil-pjan tan-negozju tal-istituzzjoni, għandhom ikunu dokumentati fid-dettall fid-dokumentazzjoni tal-ICAAP tal-istituzzjoni.

91. Istituzzjonijiet b'mudelli ta' negozju partikolari, eż. id-ditti tal-investiment, għandhom jużaw l-ittestjar għal stress bl-invers sabiex jesploraw il-vulnerabbiltajiet tagħhom għal eventi estremi, b'mod partikolari fejn ir-riskji tagħhom mhumiex koperti biżżejjed minn xenarji ta' stress aktar tradizzjonali (eż. solvenza u likwidità) ibbażati fuq xokkijiet makroekonomiċi.

92. L-istituzzjonijiet li jużaw mudelli interni għar-riskju tal-kreditu, għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u għar-riskju tas-suq, meta jagħmlu testijiet għal stress bl-invers skont l-Artikoli 177, 290(8) u 368(1)(g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandhom jipprovaw jidentifikaw xenarji severi, imma plawżibbli, li jistgħu jirriżultaw f'eżiti avversi sinifikanti u li jistgħu jisfidaw il-vijabbiltà globali ta' istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu dawn it-testijiet għal stress bl-invenrs bħala komplement essenzjali għall-mudelli interni tagħhom għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali u bħala għodda regolari għall-ġestjoni tar-riskju biex ikunu żvelati n-nuqqasijiet possibbli ta' dawn il-mudelli interni. F'xenarji ta' stress sever, għalkemm dan

mhux neċessarjament jitqies bħala indikazzjoni li l-immudellar tal-inputs fil-formula IRB mhuwiex adegwat, ir-riskju tal-mudell se jiżdied u jista' jwassal għal nuqqasijiet fil-prevedibbiltà tal-mudell.

93. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu analiżijiet kwalitattivi meta jiżviluppaw narrattiva ddefinita tajjeb tal-ittestjar għal stress bl-invers u fehim ċar tal-feedback u tal-effetti mhux lineari tiegħu, waqt li jqisu d-dinamika tar-riskju, u kombinazzjonijiet ta' tipi ta' riskju u interazzjonijiet bejniethom u fihom. Meta tkun qed tiżviluppa narrattiva definita tajjeb, istituzzjoni għandha tqis avvenimenti esterni eżoġeni bħal avvenimenti ekonomiċi, inċidenti industrijali, avvenimenti politiċi, każijiet ta' tilwim u avvenimenti naturali, kif ukoll fatturi ta' riskju bħal riskji operazzjonali, konċentrazzjoni u korrelazzjonijiet, riskji ta' reputazzjoni u telf ta' fiduċja, u kombinazzjonijiet ta' dawn l-avvenimenti u fatturi. L-involviment xieraq tal-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni fid-diskussjonijiet tan-narrattiva huwa fundamentali, waqt li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet speċifiċi possibbli u l-impatt fuq l-istituzzjoni sħiħa.

94. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu analiżijiet kwantitattivi u oħrajn aktar sofistikati, waqt li jqisu d-daqs tal-istituzzjoni kif ukoll in-natura, l-iskala, il-kumplessità u r-riskju tal-attivitajiet ta' negozju tagħha, fl-istabbiliment ta' livelli ta' telf speċifiċi jew ta' impatti negattivi oħrajn fuq il-kapital, il-likwidità (eż. l-aċċess għall-finanzjament, b'mod partikolari għal żidiet fl-ispejjeż ta' finanzjament) jew il-pożizzjoni finanzjarja globali tagħha. L-istituzzjonijiet għandhom jaħdmu lura b'mod kwantitattiv sabiex jidentifiakw il-fatturi ta' riskju, u l-ampjezza meħtieġa tal-bidliet, li jistgħu jikkawżaw tali telf jew impatt negattiv (eż. jiddefinixxu l-livell xieraq ta' telf jew xi miżura oħra ta' interess fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni finanzjarja bħal proporzjonijiet kapitali jew riżorsi ta' finanzjament). L-istituzzjonijiet għandhom jifhmu u jiddokumentaw fid-dettall il-motivaturi tar-riskju (eż. joħorġu l-fattur eżatt li kellu l-akbar impatt fuq ir-reġjun tat-telf tal-portafoll), il-linji ewlenin tan-negozju u narrattiva ċara u konsistenti dwar id-dgħufiji u x-xenarji korrispondenti (eż. dwar is-suppożizzjonijiet sottostanti u s-sensittività tar-riżultati għal dawk is-suppożizzjonijiet maż-żmien) li jikkawżaw l-eżiti definiti minn qabel u l-katina ta' avvenimenti u l-fluss probabbli (eż. Il-fatturi l-aktar importanti jistgħu jkunu identifikati għal varjabbli makroekonomiċi skont il-kombinazzjonijiet għal telf fil-mira speċifiku/kapital f'portafoll), l-identifikazzjoni ta' vulnerabbiltajiet moħbija (eż. korrelazzjonijiet u konċentrazzjonijiet moħbija) u effetti sovrapposti.

95. Fejn ikun xieraq, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw analiżijiet tas-sensittività bħala punt tat-tluq għall-ittestjar għal stress bl-invers, eż. billi jċaqilqu parametru wieħed jew aktar għal estrem sabiex jilħqu l-eżiti definiti minn qabel. Istituzzjoni għandha tikkunsidra diversi analiżijiet ta' sensittività bl-invers għar-riskju ta' kreditu (eż. kemm il-klijent kbir ikollu jsir inadempjenti qabel jintilef il-kapital li jassorbi t-telf), għar-riskju tas-suq, ir-riskju tal-likwidità (eż. stress fuq id-depożiti fis-settur tal-bejgħ bl-imnut u ċ-ċirkustanzi li jbattlu r-riżervi tal-likwidità tal-istituzzjoni) u għar-riskju operazzjonali, fost riskji oħrajn, u analiżi kkombinata fejn ir-riskji kollha jkunu koperti fl-istess ħin. Madankollu, istituzzjoni mgħandhiex primarjament tuża analiżi tas-sensittività u metrika sempliċi sabiex tidentifika x-xenarju rilevanti għat-test għal stress bl-invers. L-analiżi kwalitattiva għandha twassal għall-identifikazzjoni tax-xenarju rilevanti, billi tgħaqqad ġudizzju espert minn oqsma differenti ta' negozju, peress li l-ħsib jista' jkun l-aktar

mod effettiv biex wieħed jipprevjeni l-falliment ta’ mudell ta' negozju. Għandu jiġi żviluppat l-istressjar konġunt tal-parametri tar-riskju rilevanti kollha permezz ta’ aspetti statistiċi (eż. il-volatilità ta’ fatturi ta’ riskju konsistenti ma’ osservazzjonijiet storiċi ssupplimentati b’suppożizzjonijiet ipotetiċi iżda plawżibbli). Il-plawżibbiltà taċ-ċaqliq tal-parametri meħtieġa biex jintlaħaq l-eżitu definit minn qabel tagħti l-ewwel idea dwar il-vulnerabbiltajiet possibbli fl-istituzzjoni. Biex tiġi vvalutata l-plawżibbiltà għandhom jiġu applikati, fost l-oħrajn, distribuzzjonijiet tal-probabilità storiċi (multivarjati) – aġġustati, fejn ikun meqjus meħtieġ, skont il-ġudizzju espert. L-analiżijiet u l-valutazzjonijiet kwalitattivi, li jgħaqqdu l-ġudizzju espert minn oqsma differenti ta’ negozju, għandhom jiggwidaw l-identifikazzjoni ta’ xenarji rilevanti.

96. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-ittestjar għal stress bl-invers bħala għodda sabiex jiġbru għarfien dwar xenarji li jinvolvu kombinazzjonijiet ta’ stress fuq is-solvenza u fuq il-likwidità, fejn il-mudelli tradizzjonali jistgħu ma jirnexxielhomx jinkludu aspetti kumplessi minn sitwazzjonijiet reali. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-ittestjar għal stress bl-invers sabiex jisfidaw il-pjanijiet tal-kapital u l-pjanijiet tal-likwidità tagħhom. Fejn ikun xieraq, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw u janalizzaw sitwazzjonijiet li jistgħu jaggravaw avveniment ta’ stress fuq il-likwidità u jibdluh f’avveniment ta’ stress fuq is-solvenza, u viċi versa, u eventwalment f’falliment tan-negozju. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex japplikaw l-ittestjar għal stress bl-invers b’mod integrat għar-riskji għall-kapital u għal-likwidità bl-għan li jtejbu l-fehim u l-ġestjoni ta’ riskji relatati f’sitwazzjonijiet estremi.

## Azzjonijiet ta’ rkupru u l-ippjanar tal-irkupru

97. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw xenarji ta’ kriżi makroekonomika u finanzjarja severa, li jvarjaw fis-severità tagħhom (inklużi avvenimenti fis-sistema sħiħa, stress speċifiku għall-entità ġuridika u stress fuq il-grupp kollu), biex jintużaw fil-pjanijiet ta’ rkupru taħt l-Artikolu 5(6) tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD) u EBA/GL/2014/06, u jużaw testijiet speċifiċi għal stress bl-invers sabiex jiżviluppaw xenarji ta’ “kważi inadempjenza” (istituzzjoni qrib il-falliment iżda mhux aktar) u bħala input sabiex jinformaw u jittestjaw l-effiċjenza u l-effettività tal-azzjonijiet tal-irkupru u l-ippjanar tal-irkupru tagħhom, u janalizzaw is-sensittivitajiet ta’ suppożizzjonijiet korrispondenti. Dawn ix-xenarji ta’ “kważi inadempjenza” għandhom jidentifikaw u jiddeskrivu l-punt li jwassal biex il-mudell ta' negozju ta’ istituzzjoni jew ta’ grupp ma jibqax vijabbli sakemm ma jiġux implimentati b’suċċess azzjonijiet ta’ rkupru. Ix-xenarji għandhom jippermettu l-istima tar-riżultati u l-adegwatezza ta’ kull opzjoni ta’ rkupru disponibbli. It-terminoloġija użata fid-deskrizzjoni tax-xenarji ta’ rkupru għandha tgħin biex jiġi ddeterminat liema opzjonijiet ta’ rkupru ġew ittestjati taħt xenarji ta’ stress partikolari. Id-deskrizzjoni trid tkun dettaljata biżżejjed, kemm permezz ta’ sett ta’ suppożizzjonijiet kwantitattivi kif ukoll narrattiva kwalitattiva, sabiex jiġi ddeterminat jekk ix-xenarju huwiex rilevanti jew le għall-istituzzjoni u kemm huwa sever. L-avvenimenti għandhom ikunu deskritti f’sekwenza loġika u s-suppożizzjonijiet sottostanti l-motivaturi ewlenin (eż. id-dħul nett, assi mwieżna għar-riskju (RWAs), kapital) għandhom jitniżżlu b’mod ċar ħafna. Ix-xenarji għandhom jikkunsidraw ukoll l-istima possibbli tal-effetti transversali tat-twettiq ta’ opzjonijiet differenti ta’ pjan ta’ rkupru fl-istess xenarju ta’ stress. Ix-xenarji għandhom jippermettu wkoll fehim ta’ kif jiżvolġu l-avvenimenti billi jipprovdu kalendarju xieraq li jagħmilha ċara f’liema punt ta’

żmien se jiġu żviluppati ċerti azzjonijiet (b'implikazzjonijiet għall-kredibilità u l-fattibilità tagħhom). L-iskop ta' dan l-eżerċizzju huwa li tiġi ttestjata l-effikaċja tal-opzjonijiet ta' rkupru tal-istituzzjoni fir-restawr tas-saħħa finanzjarja u tal-vijabbiltà meta l-istituzzjoni tiġi taħt tali stress sever.

98. Minħabba l-objettivi differenti taż-żewġ settijiet ta' testijiet għal stress bl-invers, it-testijiet tal-istress għal finijiet tal-ICAAP u tal-ILAAP u l-ippjanar tal-irkupru m'għandhomx ikunu interkonnessi iżda mqabbla ma' xulxin.

99. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-ittestjar għal stress bl-invers sabiex jgħinu bl-iżvilupp, il-valutazzjoni u l-kalibrazzjoni tax-xenarji ta' "kważi inadempjenza" użati għall-ippjanar tal-irkupru.

100. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-ittestjar għal stress bl-invers sabiex jidentifikaw il-fatturi ta' riskju u jifhmu aktar u jiddeskrivu x-xenarji li jirriżultaw fi "kważi inadempjenza", billi jivvalutaw azzjonijiet ta' rkupru effettivi li jistgħu jiġu implimentati b'mod kredibbli, kemm minn qabel jew malli jiżviluppaw il-fatturi ta' riskju jew ix-xenarji.

101. L-ittestjar għal stress bl-invers għandu jikkontribwixxi għax-xenarji tal-pjan ta' rkupru billi juża narrativa ta' xenarju dinamika u kwantitattiva, li għandha tkopri:

a) l-iskattaturi tal-irkupru (jiġifieri f'liema punt l-istituzzjoni twettaq azzjonijiet ta' rkupru fix-xenarju ipotetiku);

b) l-azzjonijiet ta' rkupru meħtieġa u l-effikaċja mistennija tagħhom, inkluż il-metodu ta' valutazzjoni ta' dik l-effikaċja (jiġifieri indikaturi li għandhom ikunu mmonitorjati sabiex jiġi konkluż li ma hemm bżonn ta' ebda azzjoni oħra);

c) il-waqt u l-proċess xierqa meħtieġa għal dawk l-azzjonijiet ta' rkupru; u

d) fil-każ ta' aktar stress, il-punti (b) u (c) għall-azzjonijiet ta' rkupru addizzjonali potenzjali meħtieġa biex jiġu indirizzati r-riskji residwi.

## 4.7 Oqsma ta' riskju individwali

102. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-ittestjar tal-istress tar-riskju individwali huwa proporzjonat man-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju u tar-riskji.

103. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu, fil-livell individwali, l-impatt ta' effetti indiretti fir-riskju individwali għall-ittestjar tal-istress.

### 4.7.1 Riskju tal-kreditu u tal-kontraparti

104. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw mill-inqas:

a) l-abilità ta' mutwatarju li jħallas lura l-obbligi tiegħu, eż. il-PD;

b) ir-rata ta' rkupru f'każ ta' inadempjenza ta' mutwatarju inkluż id-deterjorament tal-valuri kollaterali jew il-valur tal-kreditu tal-fornitur tal-garanzija, eż. l-LGD; u

c) id-daqs u d-dinamika tal-iskopertura tal-kreditu, inkluż l-effett ta' impenji mhux prelevati mill-mutwatarji, eż. l-iskopertura fl-inadempjenza (EAD).

105. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li t-testijiet għal stress tar-riskju tal-kreditur fl-istituzzjoni kollha jkopru l-pożizzjonijiet kollha tagħhom fil-ktieb bankarju u kummerċjali tagħhom, inklużi pożizzjonijiet ta' ħheġġjar u skoperturi tal-kamra tal-ikklerjar ċentrali.

106. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiddeterminaw fatturi ta' riskju speċifiċi u jistabbilixxu, fuq bażi preliminari, kif dawn il-fatturi jistgħu jaffettwaw it-telf totali tar-riskju tal-kreditu u r-rekwiżiti kapitali tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiddeterminaw dan fuq bażi ta' klassi tal-iskoperturi bi klassi tal-iskoperturi (eż. fatturi rilevanti għall-ipoteki jistgħu jkunu differenti minn dawk rilevanti għall-klassijiet ta' assi korporattivi).

107. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li r-riskju ta' kreditu huwa vvalutat f'diversi livelli ta' xenarji ta' xokk, minn analiżijiet sempliċi tas-sensittività għal testijiet tal-istress għall-istituzzjoni kollha, jew għall-grupp kollu, b'mod partikolari:

a) xenarji ta' xokk fis-suq kollu (eż. tnaqqis qawwi fl-ekonomija li jaffettwa l-kwalità tal-portafoll għall-kredituri kollha);

b) xenarji ta' xokk speċifiku għal kontroparti jew ta' xokk idjonsinkratiku (eż. il-falliment tal-akbar kreditur tal-bank);

c) xenarji ta' xokk speċifiku għas-settur u ta' xokk speċifiku għar-reġjun; u

d) taħlita ta' dawn.

108. L-istituzzjonijiet għandhom jissoġġettaw il-fatturi ta' risku għal analiżijiet tas-sensittività, li min-naħa tagħhom għandhom jipprovdu informazzjoni ta' sfond kwantitattiva għat-tfassil tax-xenarji.

109. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw perjodi ta' żmien differenti meta japplikaw ix-xenarji tal-istress tagħhom. Il-perjodu ta' żmien għandu jvarja minn jum għal ieħor (effetti ta' darba) sa perjodi itwal (eż. tnaqqis gradwali fir-ritmu ekonomiku).

110. Meta jkunu qegħdin jittestjaw il-valuri kollaterali finanzjarji taħt stress, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-kundizzjonijiet li jaffettwaw ħażin il-valur realizzabbli tal-pożizzjonijiet kollaterali tagħhom inkluż id-deterjorament fil-kwalità kreditizja ta' emittenti tal-kollateral jew l-illikwidità tas-suq.

111. Fit-tfassil tax-xenarji, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-impatt ta' avvenimenti ta' stress fuq tipi oħrajn ta' riskju, eż. ir-riskju ta' likwidità u r-riskju tas-suq u l-possibbiltà ta' effetti konsegwenzjali bejn l-istituzzjonijiet.

112. L-istituzzjonijiet għandhom jikkwantifikaw l-impatt tax-xenarju f'termini ta' telf ta' kreditu (jiġifieri provvedimenti), skoperturi għar-riskju, rekwiżiti ta' fondi proprji u ta' dħul. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi jikkwantifikaw tali impatti skont is-segmenti/il-portafolli rilevanti.

113. Kull fejn huwa possibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-parametri rilevanti li ġejjin: PD, LGD, EAD, telf mistenni (EL) u l-ammont ta skoperatura għar-riskju, u l-impatt fuq it-telf ta' kreditu u fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji.

114. Għall-istima tat-telf futur fit-testijiet tal-istress, fejn ikun xieraq, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu minn parametri ta' riskju ta' kreditu differenti minn dawk applikati fil-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali, li ġeneralment huma parametri taċ-ċiklu kollu jew ibridi (taħlita ta' parametri taċ-ċiklu kollu u ta' punt fiż-żmien) għall-PD u taħt kundizzjonijiet ta' tnaqqis għal-LGD. B'mod partikolari, fejn ikun rilevanti, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw stimi bbażati fuq il-parametri ta' punt fiż-żmien skont is-severità tax-xenarju biex jistmaw it-telf ta' kreditu.

115. Għall-komputazzjoni tal-EAD, istituzzjoni għandha tikkunsidra wkoll fattur ta' konverżjoni tal-kreditu (CCF) u, b'mod partikolari, l-effett tal-kapaċità ġuridika tal-istituzzjoni li tikkanċella b'mod unilaterali ammonti mhux miġbuda ta' faċilitajiet ta' kreditu impenjati speċjalment f'kundizzjonijiet ta' stress.

116. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw, sa fejn ikun xieraq, approċċi ta' mudell intern għar-riskju ta' kreditu li jisfidaw relazzjonijiet u *data* storiċi, u simulazzjonijiet ta' migrazzjonijiet ta' kwalità tal-kreditu fost kategoriji ta' skoperturi sabiex jipprovdu stima tat-telf.

117. Meta jivvalutaw ir-riskju tagħhom għal kontropartijiet ingranati jew entitajiet mhux bankarji, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-konċentrazzjonijiet tar-riskju u m'għandhomx jippreżumu l-eżistenza ta' ftehimiet kollaterali jew ta' rimarġinazzjoni kontinwa, li jistgħu ma jkunux disponibbli f'każ ta' xokkijiet severi tas-suq. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jinkludu tali riskji ta' tnaqqis korrelatati b'mod adegwat.

### 4.7.2 Titolizzazzjoni

118. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu r-riskji ta' titolizzazzjoni li jinħolqu minn prodotti ta' kreditu strutturati, normalment maħluqin mill-ippakkjar mill-ġdid tal-fluss tal-flus minn pool ta' assi f'diversi segmenti jew titoli ggarantiti b'assi, waqt li jqisu l-pożizzjonijiet differenti li l-istituzzjonijiet jista' jkollhom fil-proċess ta' titolizzazzjoni, billi jaġixxu bħala oriġinatur, sponsor jew investitur.

119. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-ittestjar tal-istress ta' assi titolizzati jindirizza r-riskju ta' kreditu tal-pool ta' assi sottostanti, inkluż ir-riskju ta' inadempjenza, il-korrelazzjonijiet ta' inadempjenza possibbilment mhux lineari u dinamiċi kif ukoll l-evoluzzjoni tal-valuri kollaterali. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-informazzjoni kollha rilevanti fir-rigward tal-istruttura speċifika ta' kull titolizzazzjoni, bħas-superjorità tas-segment, il-ħxuna tas-segment, it-titjib tal-kreditu u l-granularità, espressi f'termini tan-numru effettiv ta' skoperturi.

120. Is-sensittività għal effetti sistemiċi tas-suq, li jaffettwaw, pereżempju, it-tnixxif tal-likwidità jew iżidu l-korrelazzjonijiet tal-assi, fuq kull livell tal-prodott strutturat għandha titqies b'attenzjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi vvalutat l-effett tar-riskji tar-reputazzjoni, li jirriżultaw fi kwistjonijiet ta' finanzjament, pereżempju.

121. It-testijiet tal-istress għandhom jindirizzaw l-arranġamenti kuntrattwali kollha rilevanti, l-impatt potenzjali ta' skattaturi integrati (eż. klawżoli ta' ammortizzament antiċipat), l-ingranaġġ tal-istruttura ta' titolizzazzjoni u r-riskji ta' likwidità/finanzjament li jirriżultaw mill-istruttura (jiġifieri diskrepanzi fil-fluss ta' flus u kundizzjonijiet ta' prepagamenti inkluż fir-rigward tal-bidliet fir-rata tal-imgħax).

122. Ix-xenarji għandhom iqisu wkoll l-inadempjenza ta' waħda jew aktar mill-kontropartijiet kuntrattwali involuti fl-istruttura tat-titolizzazzjoni, speċjalment ta' dawk li jaġixxu bħala garanti ta' ċerti segmenti.

123. Jekk l-istituzzjoni tiddependi minn klassifikazzjonijiet esterni sabiex tivvaluta r-riskju ta' prodotti titolizzati, il-klassifikazzjonijiet esterni għandhom jiġu rieżaminati b'mod kritiku u għandhom jiġu vvalutati xenarji li jenfasizzaw il-klassifikazzjonijiet inklużi r-rati speċifiċi ta' indeboliment tal-klassifikazzjonijiet, eż. billi tenfasizza l-matriċijiet ta' tranżizzjoni tal-klassifikazzjoni (storika).

124. Meta jfasslu l-approċċ tal-ittestjar tal-istress, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu dan li ġej:

a) l-impatti tat-testijiet tal-istress għal prodotti ta' kreditu strutturati se jimmaterjalizzaw fuq il-livell tal-pool ta' assi f'żieda fl-inadempjenza (jew PDs u LGDs, fejn applikabbli) u b'hekk wieħed għandu jistenna żieda fir-rati tat-telf mistenn/tal-indeboliment u rekwiżiti ta' kapital regolatorju (kif ukoll żieda fil-probabilitajiet ta' tnaqqis) waqt ix-xokkijiet; u

b) li jistgħu jinħolqu aktar impatti minn tnaqqis fil-fluss tal-flus nett, żidiet fit-telf kummerċjali u fl-aġġustamenti ta' valuri, jew mid-deterjorament tal-metrika regolatorja bħall-proporzjon nett tal-finanzjament stabbli.

### 4.7.3 Riskju tas-suq

125. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu r-riskju tas-suq, l-aktar ir-riskji li ġejjin minn telf li jirriżulta minn bidliet avversi fil-valur tal-pożizzjonijiet li jirriżultaw minn ċaqliq fil-prezzijiet tas-suq fuq fatturi ta' riskju ta' prodotti bażiċi, kreditu, ekwità, muniti barranin u rati tal-imgħax. Ir-riskji tar-rati tal-imgħax fil-pożizzjonijiet fil-kotba kummerċjali għandhom jitqiesu mill-istituzzjonijiet bħala komponent tar-riskju tas-suq.

126. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu testijiet tal-istress għall-pożizzjonijiet tagħhom fi strumenti finanzjarji fil-kummerċ u l-valur ġust irrapportat f'portafolli ta' dħul kumplessiv ieħor (FVOCI) (jiġifieri termini ta' kontabbiltà sabiex jikklassifikaw l-assi finanzjarji), inklużi strumenti/pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u bonds koperti. Dawn it-testijiet tal-istress għandhom isiru bħala parti minn ittestjar tal-istress fl-istituzzjoni kollha kif ukoll għall-ġestjoni tar-riskju tas-suq u għall-finijiet ta' kalkolu.

127. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw firxa ta’ xenarji severi iżda plawżibbli għall-pożizzjonijiet kollha msemmija fil-paragrafu preċedenti, eż. bidliet eċċezzjonali fil-prezzijiet tas-suq, nuqqasijiet ta’ likwidità fis-swieq u l-inadempjenza ta’ parteċipanti ewlenin fis-suq. Fejn xieraq, għandhom jitqiesu wkoll id-dipendenzi u l-korrelazzjonijiet bejn is-swieq differenti u, allura, il-bidliet avversi fil-korrelazzjonijiet. L-impatt fuq il-kontabbiltà tal-aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu (CVA) u fuq ir-riżervi relatati mal-portafolli tal-istituzzjonijiet (eż. riżervi għal-likwidità, għall-inċertezzi tal-immudellar) għandhom jitqiesu wkoll fit-testijiet tal-istress. L-ittestjar tal-istress tar-riżerva tar-riskju tas-suq għandu jkun sostanzjat.

128. Meta jikkalibraw dawn it-testijiet tal-istress, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu tal-inqas in-natura u l-karatteristiċi tal-portafolli tagħhom u l-istrumenti finanzjarji relatati (eż. prodotti vanilla/eżotiċi, likwidità, maturità), l-istrateġiji kummerċjali tagħhom, u l-possibbiltà tal-iħħeġġjar jew il-ġestjoni ta’ riskji taħt kundizzjonijiet severi tas-suq, l-ispejjeż assoċjati u l-ħin potenzjali involut f'dan.

129. Peress li l-istrumenti u l-istrateġiji kummerċjali jinbidlu maż-żmien, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li t-testijiet tal-istress jevolvu sabiex jakkomodaw dawn il-bidliet.

130. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw approċċ xieraq biex jinkludu s-sottovalutazzjoni tar-riskju ta’ tnaqqis permezz ta’ *data* storika (tnaqqis oħxon) fejn japplika, eż. billi japplikaw xenarji ipotetiċi severi, u, fejn ir-riskju jiġi vvalutat skont il-livelli ta' fiduċja perċentwali, huma għandhom jikkunsidraw avvenimenti ta’ tnaqqis lil hinn minn dawk il-livelli ta’ fiduċja.

131. B’mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom:

a) jevalwaw il-konsegwenzi ta’ disturbi kbar tas-suq u jidentifikaw sitwazzjonijiet plawżibbli li jistgħu jinvolvu telf straordinarjament għoli, li għandhom jinkludu wkoll, fejn xieraq, avvenimenti bi probabilità baxxa għat-tipi kollha ta’ riskju prinċipali, speċjalment id-diversi komponenti tar-riskji tas-suq; għat-testijiet tal-istress fil-livell tal-portafoll, jistgħu jiġu esplorati l-effetti ta’ bidliet avversi fil-korrelazzjonijiet; u l-effetti ta’ mitigazzjoni ta’ azzjonijiet ta’ ġestjoni jistgħu jiġu kkunsidrati jekk ikunu bbażati fuq suppożizzjonijiet plawżibbli dwar il-likwidità fis-suq; u

b) ikollhom stabbilita lista tal-miżuri li jinkludu limiti u azzjonijiet possibbli oħrajn meħuda biex jitnaqqsu r-riskji u jippreservaw l-ekwità; b’mod partikolari, ir-riskji tal-limiti fuq ir-rata tal-kambju, ir-rata tal-imgħax, il-prezz tal-ekwità u l-prezz tal-prodott bażiku stabbiliti mill-istituzzjonijiet għandhom, fejn xieraq, jiġu kkunsidrati skont ir-riżultati tal-kalkoli tal-ittestjar tal-istress.

### 4.7.4 Riskju operazzjonali

132. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu konxji li l-parametri tar-riskju rilevanti relatati mar-riskju operazzjonali jistgħu jirriżultaw minn proċessi, nies u sistemi interni mhux adegwati jew falluti, inklużi riskji legali, jew minn avvenimenti esterni, u jistgħu jaffettwaw il-prodotti u l-attivitajiet kollha fl-istituzzjoni.

133. Sabiex iqiegħdu l-parametri tar-riskju rilevanti taħt stress, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-effett tal-profitt u t-telf (P&L) ta' telf operazzjonali bħala l-metrika ewlenija. Kwalunkwe impatt intrinsiku kkawżat mill-avveniment ta' riskju operazzjonali għandu jitqies bħala telf tar-riskju operazzjonali (eż. impatti intrinsiċi mill-kost tal-għażla, jew kostijiet interni bħal sahra/bonusijiet, eċċ. fejn jirrelataw ma' avveniment ta' riskju operazzjonali). Barra minn hekk, u għall-iskop biss tal-ittestjar tal-istress, għandu jkun inkluż kwalunkwe telf ta' qligħ futur ikkawżat minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali (esklużi effetti sekondarji fuq l-ambjent makroekonomiku). Tal-inqas l-istituzzjonijiet taħt l-approċċ ta' kejl avvanzat (AMA) għandhom iqisu wkoll dan it-telf waqt li jidħol fil-bażi tad-*data* interna sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżiti kapitali addizzjonali. Meta jużaw *data* storika, *data* jew xenarji esterni bħala inputs kemm għall-projezzjonijiet P&L kif ukoll RWA, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu u jevitaw effetti possibbli ta' għadd doppju fuq in-naħa tal-input.

134. Peress li t-telf operazzjonali jista' jwassal għal effetti indiretti (jiġifieri riskju ta' reputazzjoni), biex jitqiesu dawn l-effetti, il-programm tal-ittestjar tal-istress tar-riskju operazzjonali għandu jkun integrat sewwa u għandu jinkludi interkonnessjonijiet ma' rekwiżiti ta' likwidità u ta' fondi proprji. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw mill-inqas:

a) l-iskopertura tal-istituzzjoni għal attivitajiet u l-kultura tar-riskju assoċjat u r-rekord passat tat-telf operazzjonali, b'attenzjoni fuq il-livell u l-bidla fit-telf u d-dħul gross f'dawn l-aħħar snin;

b) l-ambjent tan-negozju, inklużi l-postijiet ġeografiċi, li fihom topera l-istituzzjoni u l-kundizzjonijiet makroekonomiċi;

c) l-evoluzzjoni fl-għadd ta' impjegati u fid-daqs u l-kumplessità tal-karta bilanċjali f'dawn l-aħħar ftit snin, inklużi bidliet strutturali minħabba avvenimenti korporattivi bħal amalgamazzjonijiet u akkwiżizzjonijiet;

d) il-bidliet f'elementi sinifikanti tal-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informatika;

e) il-grad u l-orjentazzjoni tal-inċentivazzjoni fi skemi ta' kumpens;

f) il-kumplessità tal-proċessi u l-proċeduri, tal-prodotti u tas-sistemi ta' teknoloġija tal-informatika;

g) il-firxa tal-esternalizzazzjoni, fir-rigward tar-riskju tal-konċentrazzjoni assoċjat mal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kollha u mal-infrastrutturi tas-suq estern; u

h) il-vulnerabbiltà tar-riskju ta' mmudellar, b'mod speċjali f'oqsma relatati mal-kummerċ ta' strumenti finanzjarji, kejl u ġestjoni tar-riskju, u l-allokazzjoni ta' kapital.

135. Fatturi ta' riskju idjosinkratiku wkoll għandhom jiġu esplorati u użati bħala inputs għat-tfassil tax-xenarji. B'mod indikattiv, l-istituzzjonijiet taħt l-AMA għandhom iqiegħdu taħt stress il-fatturi tal-ambjent tan-negozju u ta' kontroll intern tagħhom (BEICFs).

136. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-interazzjonijiet ta' tali fatturi ta' riskju idjosinkratiku u l-iskoperturi individwali għalihom meta jiddeterminaw l-iskopertura tar-riskju operazzjonali tagħhom.

137. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw bir-reqqa l-interazzjoni possibbli ta’ telf mir-riskji operazzjonali mar-riskji ta’ kreditu u tas-suq.

138. L-analiżi tal-avvenimenti tat-test tal-istress għandha tinvolvi l-ġudizzju espert, biex tinkludi tal-inqas avvenimenti ta’ severità għolja bi frekwenza baxxa.

139. L-istituzzjonijiet għandhom ifasslu avvenimenti taħt stress sever iżda plawżibbli. Is-suppożizzjonijiet jistgħu jvarjaw mis-suppożizzjonijiet użati fix-xenarji ta’ stress tar-riskju ta’ kreditu u tas-suq. Meta istituzzjoni tespandi n-negozu tagħha fis-swieq lokali jew internazzjonali permezz ta’ amalgamazzjonijiet u akkwiżizzjonijiet, id-disinn ta’ prodotti ġodda jew linja ta’ negozju ġdida, ix-xenarji tat-test tal-istress severi iżda plawżibbli għandhom ikunu bbażati fuq ġudizzju espert sabiex jingħeleb in-nuqqas possibbli ta’ informazzjoni storika.

140. L-istituzzjonijiet għandhom jibnu l-programm tal-ittestjar tal-istress tagħhom abbażi ta’ *data* kemm interna kif ukoll esterna, filwaqt li janalizzaw bir-reqqa:

a) l-użu ta’ fatturi ta’ gradazzjoni (eż. f’sitwazzjoni fejn id-*data* esterna tkun tnaqqset, il-gradazzjoni tista’ titnaqqas) u l-ħtieġa possibbli ta’ impatti addizzjonali li jirriżultaw mill-bdil ta’ fatturi ta’ gradazzjoni li jinbidlu f’sitwazzjoni ta’ stress; u

b) il-kriterji għad-determinazzjoni tar-rilevanza tad-*data* (eż. *data* fuq telf kbir meqjusa mhux rilevanti tista’ tintuża fit-test tal-istress, minbarra r-rekwiżiti tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR)).

### 4.7.5 Riskju relatat mal-imġiba u l-ispejjeż ta’ tilwim assoċjati

141. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu li r-riskju relatat mal-imġiba, bħala parti mir-riskju legali taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tar-riskju operazzjonali, jinħoloq minħabba r-riskju attwali jew prospettiv ta’ telf mill-provvista mhux xierqa ta’ servizzi finanzjarji u l-kostijiet ta’ tilwim assoċjati, inklużi każijiet ta’ kondotta ħażina volontarja jew negliġenti.

142. Fl-ittestjar tal-istress tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jevalwaw ir-rilevanza u s-sinifikat tal-iskoperturi li ġejjin għal riskju relatat mal-imġiba u l-kostijiet ta’ tilwim assoċjati:

a) il-bejgħ ħażin ta’ prodotti, kemm fis-swieq tal-bejgħ bl-imnut kif ukoll tal-bejgħ bl-ingrossa;

b) il-bejgħ inkroċjat mgħaġġel ta’ prodotti lil klijenti bl-imnut, bħal kontijiet bankarji ppakkjati jew prodotti miżjuda li l-klijenti ma jkunux jeħtieġu;

c) kunflitti ta’ interess fit-twettiq tan-negozju;

d) il-manipulazzjoni ta’ rati tal-imgħax ta’ referenza, rati tal-kambju jew ta’ kwalunkwe strument jew indiċi finanzjarju ieħor biex jitjieb il-qligħ tal-istituzzjoni;

e) ostakli inġusti għall-bdil ta’ prodotti finanzjarji matul ħajjithom u/jew għall-bdil ta’ fornituri ta’ servizzi finanzjarji;

f) kanali ta’ distribuzzjoni mfassla ħażin li jistgħu jirriżultaw f’kunflitti ta’ interess b’inċentivi foloz;

g) tiġdid awtomatiku inġust ta’ prodotti jew penali ta’ ħruġ; u

h) l-ipproċessar inġust tal-ilmenti tal-klijenti.

143. Meta jkejlu r-riskju relatat mal-imġiba, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw (a) l-inċertezza dwar il-provvedimenti jew it-telf mistenni li joriġinaw minn avvenimenti relatati mal-imġiba; u (b) telf estrem assoċjat ma’ riskji ta’ tnaqqis (telf mhux mistenni). L-istituzzjonijiet għandhom jevalwaw il-ħtiġijiet kapitali tagħhom f’dawn l-avvenimenti u x-xenarji u għandhom iqisu wkoll l-effett ta’ telf minħabba l-imġiba fuq ir-reputazzjoni. Fil-prinċipju, it-telf mistenni minn kwistjonijiet relatati mal-imġiba għandu jkun kopert minn provvedimenti u inkluż fil-kont tal-P&L, filwaqt li t-telf mhux mistenni huwa kkwanitifikat u kopert minn rekwiżiti kapitali mill-istituzzjoni. L-eċċess possibbli ta’ ammonti wara l-projezzjoni ta’ telf minħabba l-imġiba taħt stress għandu jkun inkluż fl-evalwazzjoni tal-istituzzjoni tal-ħtiġijiet kapitali potenzjali.

144. Sabiex jiġi inkluż ir-riskju li l-provvedimenti huma insuffiċjenti jew mhux dejjem f’waqthom, l-istituzzjonijiet għandhom jevalwaw it-telf mistenni mir-riskju relatat mal-imġiba minbarra l-provvedimenti tal-kontabilità eżistenti u jinkluduh fil-projezzjonijiet tagħhom. Fejn xieraq, l-istituzzjonijiet għandhom jevalwaw jekk il-qligħ futur hux se jkun suffiċjenti jew le biex ikopri dan it-telf jew kostijiet addizzjonali fix-xenarji u jinkorporaw din l-informazzjoni fil-pjanijiet ta’ kapital tagħhom.

145. L-istituzzjonijiet għandhom jiġbru u janalizzaw informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar il-kobor tan-negozju tagħhom f’oqsma rilevanti u vulnerabbli. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni sabiex jappoġġjaw suppożizzjonijiet materjali sottostanti għall-istimi tagħhom ta’ kostijiet relatati mal-imġiba.

146. F’każijiet rari fejn istituzzjoni ma tkunx tista’ tipprovdi stima għal riskju materjali individwali relatat mal-imġiba minħabba l-ammont ta’ inċertezza, l-istituzzjoni għandha tiċċara li dan huwa l-każ u tipprovdi evidenza u suppożizzjonijiet li jappoġġjaw l-evalwazzjoni tagħha.

147. L-ittestjar tal-istress għandu wkoll jintuża, fejn xieraq, biex jiġi evalwat telf estrem assoċjat ma’ riskji ta’ tnaqqis (telf mhux mistenni) u jekk għandux jinżamm kapital addizzjonali taħt il-Pilastru 2.

148. L-istituzzjonijiet għandhom jifformaw opinjoni dwar it-telf mhux mistenni li jista’ joriġina minn avvenimenti relatati mal-imġiba bbażata fuq taħlita ta’:

a) ġudizzju;

b) esperjenza ta’ telf storiku (eż. l-akbar telf relatat mal-imġiba tal-istituzzjoni fl-aħħar ħames snin);

c) il-livell ta’ telf annwali mistenni għar-riskju relatat mal-imġiba;

d) xenarji relatati mal-imġiba fejn jiġu kkunsidrati skoperturi potenzjali fuq medda iqsar ta’ żmien (eż. ħames snin); u

e) telf esperjenzat minn entitajiet simili jew minn entitajiet f'sitwazzjonijiet simili (eż. f'każijiet ta' kostijiet ta' tilwim).

### 4.7.6 Riskju ta’ likwidità

149. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu li r-riskji ta’ likwidità jew ta’ finanzjament jinħolqu meta istituzzjoni ma tkunx tista’ tissodisfa l-flussi ta' flus attwali u futuri.

150. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu li r-riskji ta’ likwidità jew ta’ finanzjament jinkludu:

a) riskji ta’ likwidità minn terminu qasir sa terminu medju; u

b) riskji ta’ finanzjament.

151. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw u jkejlu lilhom infushom skont fatturi ta’ riskju relatati kemm ma’ entrati relatati ma’ assi kif ukoll ma’ obbligazzjonijiet, kif ukoll ma’ impenji li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali kif definiti fil-Linji gwida tal-EBA dwar il-proċess ta’ rieżami u evalwazzjoni superviżorji (SREP).

152. L-analiżi tal-istituzzjonijiet tal-fatturi ta’ riskju għandha tqis, iżda m’għandhiex tkun limitata għal:

a) l-impatt ta’ kundizzjonijiet makroekonomiċi, eż. l-impatt tax-xokkijiet tar-rata tal-imgħax fuq il-flussi tal-flus kontinġenti;

b) il-munita tal-assi u l-obbligazzjonijiet inklużi entrati li ma jidhrux fil-karti bilanċjali, sabiex tirrifletti r-riskju ta’ konvertibbiltà u tfixkil possibbli fl-aċċess għal swieq tal-kambju barranin;

c) fejn hemm ħtiġijiet ta’ likwidità u fondi disponibbli, it-tranżazzjonijiet ta’ likwidità intragrupp u r-riskju ta’ restrizzjonijiet għat-trasferiment tal-fondi bejn il-ġurisdizzjonijiet jew l-entitajiet tal-grupp;

d) l-azzjonijiet li tista’ tieħu l-istituzzjoni sabiex tippreserva r-reputazzjoni jew il-frankiġja tagħha (eż. il-ħlas lura bikri ta’ obbligazzjonijiet eżerċitabbli);

e) l-internalizzazzjoni ta’ riskji relatati ma’ attivitajiet speċifiċi, bħal fil-każ ta’ senserija ewlenija fejn tista’ tkun meħtieġa s-simmetrija, sa ċertu punt, bejn in-naħa tal-għoti tas-self u n-naħa tat-teħid tas-self tat-titoli, jiġifieri pożizzjonijiet twal tal-klijenti huma ffinanzjati permezz tar-rikavat mill-kummerċ qasir tal-klijenti. Tali simmetrija hija soġġetta għall-imġiba tal-kontropartijiet u għaldaqstant hija sensittiva għar-riskju tar-reputazzjoni. Fil-każ ta’ tali riskju, tista’ toħloq it-tneħħija ta’ negozji li bla mistenni jħallu lill-istituzzjoni b’titoli fuq il-karta bilanċjali tagħha, flimkien mal-ħtieġa li tiffinanzjahom;

f) il-vulnerabbiltajiet fl-istruttura tat-terminu ta’ finanzjament minħabba avvenimenti esterni, interni jew kuntrattwali;

g) ir-rati run-off realistiċi taħt kundizzjonijiet normali li jaċċelleraw fi żminijiet taħt stress;

h) il-konċentrazzjoni fil-finanzjament; u

i) l-estimi ta’ tkabbir futur tal-karta bilanċjali.

153. L-istituzzjonijiet għandhom jissoġġettaw dawn il-fatturi ta’ risku għall-analiżijiet tas-sensittività, li min-naħa tagħhom għandhom jipprovdu informazzjoni ta’ sfond kwantitattiva xierqa għat-tfassil tax-xenarji.

154. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dawn it-tliet tipi ta’ xenarji ta’ stress li ġejjin: xenarju idjosinkratiku, xenarju għas-suq kollu u taħlita tat-tnejn. Xenarju ta’ stress idjosinkratiku għandu jassumi avvenimenti speċifiċi għall-istituzzjoni (pereżempju tnaqqis fil-klassifikazzjoni, l-inadempjenza tal-akbar kontroparti ta’ finanzjament, telf fl-aċċess għas-suq, telf tal-konvertibilità tal-munita, l-inadempjenza tal-kontroparti li tipprovdi l-ikbar influssi), filwaqt li xenarju tal-istress għas-suq kollu għandu jassumi impatt fuq grupp ta’ istituzzjonijiet jew fuq is-settur finanzjarju inġenerali (eż. deterjorament fil-kundizzjonijiet ta’ finanzjament tas-suq jew fl-ambjent makroekonomiku, jew tnaqqis fil-klassifikazzjoni ta’ pajjiżi li fihom topera l-istituzzjoni.

155. L-istituzzjonijiet għandhom ifasslu meded ta’ żmien differenti fl-ittestjar tal-istress tagħhom: il-meded ta’ żmien għandhom ivarjaw mil-lum għal għada sa mill-inqas 12-il xahar; għandu jkun hemm ukoll testijiet separati tal-istress relatati ma’ riskji ta’ likwidità fl-istess ġurnata. Il-medda ta’ żmien għandha turi, pereżempju, fażi akuta qasira ta’ stress (sa 30 jum sabiex jiġu koperti dawk il-perjodi mingħajr ma jkun meħtieġ li jinbidel il-mudell ta' negozju) segwita minn perjodu itwal ta’ stress inqas akut iżda aktar fit-tul (bejn tliet xhur u 12-il xahar).

156. L-istituzzjonijiet għandhom jikkombinaw l-istress tar-riskju ta' likwidità fuq terminu qasir sa terminu medju ma’ riskju ta’ finanzjament taħt stress, fejn jikkunsidraw medda ta’ mill-inqas 12-il xahar.

157. L-istituzzjonijiet għandhom ifasslu sett ta’ suppożizzjonijiet ta’ mġiba avversa għall-klijenti inklużi depożitanti, fornituri ta’ finanzjament oħrajn u kontropartijiet għal kull xenarju u medda ta’ żmien differenti.

158. Fit-tfassil tax-xenarji, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-impatt ta’ avvenimenti ta’ stress fuq tipi oħrajn ta’ riskju, eż. telf mir-riskju ta’ kreditu u avvenimenti ta’ riskju ta’ reputazzjoni, fuq il-pożizzjoni tal-likwidità tagħhom, u l-possibbiltà ta’ impatt ta’ bejgħ bl-għaġġla minn istituzzjonijiet oħrajn (eż. effetti konsegwenzjali) jew mir-riżerva tal-likwidità tagħhom stess fuq il-valur minn suq għal suq ta’ assi oħrajn li għandhom.

159. Il-metodoloġija ewlenija użata għall-kalkolu tal-kobor tal-impatt għandu jkun il-profil tal-fluss tal-flus nett. Għal kull xenarju, f’kull livell ta’ stress, l-istituzzjoni tidentifika dħul ta’ flus u ħruġ ta’ flus li huma pproġettati għal kull perjodu ta’ żmien futur u l-flussi ta’ flus nett li jirriżultaw. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-aktar punt kumulattiv baxx tal-flussi ta’ flus nett fil-perjodu ta’ żmien evalwat f’kull xenarju speċifiku.

160. L-istituzzjonijiet għandhom jestendu l-analiżi, jekk ikun xieraq, għal metrika oħra, bħal:

a) proporzjonijiet ta’ likwidità u metrika oħra użata fil-qafas, li għandu jinkludi, iżda m'għandux ikun limitat għal proporzjonijiet u metrika ta’ likwidità superviżorja, b’mod

partikolari l-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità u l-proporzjon nett ta’ finanzjament stabbli;

b) ir-riżervi ta' likwidità disponibbli tagħhom, minbarra l-proporzjonijiet imsemmija hawn fuq, u miżuri ta’ kontrobilanċ oħrajn, jiġifieri l-kapaċità ta’ kontrobilanċjar tagħhom, għal kull xenarju ta’ stress; l-ittestjar tal-istress ta’ din il-metrika għandu jkun akkumpanjat minn evalwazzjoni tal-impatt fuq il-proporzjon u n-natura ta’ assi gravati;

c) l-orizzont tas-sopravivenza tal-istituzzjoni kif derivat mill-kapaċità ta’ kontrobilanċjar tagħha, jiġifieri l-kapaċità tal-istituzzjoni li żżomm likwidità żejda, jew li jkollha aċċess għaliha fuq orizzonti ta’ żmien qasir, medju u twil, bħala reazzjoni għal xenarji ta’ stress kif definiti fil-Linji gwida tal-EBA dwar proċeduri u metodoloġiji komuni għal SREP, u flussi tal-flus taħt stress, meħuda flimkien, qabel u wara l-impatt tal-miżuri ta’ kontrobilanċ;

d) is-solvenza u l-profittabbiltà.

161. Meta japplikaw ix-xenarji tal-istress differenti, l-istituzzjonijiet għandhom jevalwaw u jenfasizzaw l-effetti ta’ kontrobilanċjar ipprovduti mill-banek ċentrali (politika monetarja) u jadottaw approċċ konservattiv.

162. Il-metrika tat-test tal-istress tal-likwidità għandha tinkludi, jekk xieraq u b’mod partikolari għal mill-inqas il-muniti materjali kollha, granularità għal kull munita biex tkun permessa l-analiżi ta’ suppożizzjonijiet speċifiċi għall-munita fix-xenarji (eż. il-volatilità fir-rati tal-kambju jew diskrepanzi fil-muniti).

163. Fejn xieraq, l-istituzzjonijiet għandhom jintegraw test tal-istress tal-likwidità fit-testijiet tal-istress għall-istituzzjoni kollha, u jqisu d-differenzi fil-perjodi ta’ żmien koperti f’testijiet tal-istress tal-likwidità minn dawk koperti f’testijiet tal-istress ta’ solvenza għall-istituzzjoni kollha. Tal-inqas, l-istituzzjonijiet għandhom jevalwaw l-impatt ta’ żieda fil-kostijiet ta’ finanzjament fuq il-P&L. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu li r-rabta tal-kostijiet ta’ finanzjament mal-pożizzjoni tas-solvenza tista’ tinfluwenza l-kwalità tat-test tal-istress tal-likwidità, jiġifieri deterjorament bil-mod wisq fil-likwidità.

### 4.7.7 Riskju fir-rata tal-imgħax minn attivitajiet mhux ta’ negozjar

164. Din it-taqsima hija mingħajr preġudizzju għal-Linji gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li joriġina minn attivitajiet mhux ta' negozjar.

165. It-testijiet tal-istress għandhom jappoġġjaw u jkunu parti integrali mis-sistema ta’ ġestjoni interna tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax fil-portafoll bankarju (IRRBB).

166. Ix-xenarji tar-rata tal-imgħax użati għall-finijiet tal-ittestjar tal-istress, inkluż għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li joriġina minn attivitajiet mhux ta’ negozjar, għandhom ikunu adegwati sabiex jidentifikaw kull riskju materjali taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, eż. riskju ta’ diskrepanza, riskju ta’ bażi u riskju ta’ għażla.

167. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li t-testijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti ma jkunux ibbażati biss fuq sempliċi bidla parallela iżda li jqisu l-movimenti u l-bidliet fil-forma tal-kurvi tar-rendiment fl-analiżijiet tax-xenarju tagħhom.

168. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-elementi li ġejjin:

a) ir-riskju tal-firxa, li jirriżulta minn rati ta' referenza li ma jaqblux bejn il-finanzjament u investimenti mqabbla mal-ħin; u

b) riskji ta' terminazzjoni bikrija inklużi f'kuntratti b'għażla inkorporata, li tista' ġġiegħel lill-istituzzjoni tidħol fi tranżazzjoni ġdida fuq termini inqas favorevoli.

169. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu konxji ta' effetti ta' rati ta' imgħax indiretti potenzjali li jwasslu għal telf xi mkien ieħor (eż. li pass-through fuq rati ta' self jista' joħloq telf minn riskju ta' kreditu ieħor minħabba deterjorament fil-kapaċità tal-klijenti li jħallsu).

170. Fejn jintużaw strumenti finanzjarji inqas kumplessi, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-effett ta' xokk billi jużaw analiżi tas-sensittività (mingħajr l-identifikazzjoni tal-oriġini tax-xokk, u permezz tas-sempliċi applikazzjoni tax-xokk għall-portafoll). Fejn istituzzjoni tuża strumenti finanzjarji aktar kumplessi li fuqhom ix-xokk għandu effetti multipli u indiretti, għandha tuża approċċi aktar avvanzati b'definizzjonijiet speċifiċi tas-sitwazzjonijiet (taħt stress) avversi li jirriflettu riskji idjosinkratiċi rilevanti.

### 4.7.8 Riskju tal-konċentrazzjoni

171. L-ittestjar tal-istress għandu jkunu għodda ewlenija fl-identifikazzjoni ta' riskju tal-konċentrazzjoni, peress li jippermetti lill-istituzzjonijiet jidentifikaw interdipendenzi bejn l-iskoperturi, li jistgħu jitfaċċaw biss f'kundizzjonijiet taħt stress kif ukoll konċentrazzjonijiet moħbija.

172. Meta jivvalutaw dan ir-riskju fil-programmi tal-ittestjar tal-istress tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu r-riskju ta' kreditu ta' kull skopertura iżda jqisu wkoll is-sorsi addizzjonali ta' riskji li jinħolqu mill-imġiba simili ta' ċerti skoperturi (jiġifieri korrelazzjoni ogħla). Dawn is-sorsi addizzjonali ta' riskju taħt analiżi għandhom ikopru, iżda m'għandhomx ikunu biss limitati għal, dawn li ġejjin:

a) il-konċentrazzjonijiet b'isem wieħed (jiġifieri klijent jew grupp ta' klijenti konnessi kif definit fl-Artikolu 4(39) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013);

b) il-konċentrazzjonijiet settorjali;

c) il-konċentrazzjonijiet ġeografiċi;

d) il-konċentrazzjonijiet tal-prodott; u

e) il-konċentrazzjonijiet ta' kollateral u ta' garanziji.

173. Fl-ittestjar tal-istress, speċjalment fl-ittestjar tal-istress tal-istituzzjoni kollha u li jinkludi lill-grupp, l-istituzzjonijiet għandhom jevalwaw ir-riskju tal-konċentrazzjoni billi jqisu l-iskoperturi fil-karta bilanċjali u barra minnha, kif ukoll il-pożizzjonijiet bankarji, kummerċjali u ta' ħħeġġjar.

174. It-testijiet tal-istress għandhom iqisu l-bidliet fl-ambjent tan-negozju li jistgħu jseħħu u li jwasslu għall-materjalizzazzjoni tar-riskju tal-konċentrazzjoni. B'mod partikolari, it-testijiet tal-istress għandhom iqisu bidliet mhux tas-soltu iżda plawżibbli f'korrelazzjonijiet bejn tipi varji ta' fatturi ta' riskju kif ukoll bidliet estremi u mhux tas-soltu fil-parametri tar-riskju, li jmorru lil hinn minn fatturi ta' riskju waħdieni, sabiex jikkunsidraw xenarji li jqisu fatturi ta' riskju interrelatati u li jinkludu mhux biss effetti diretti iżda wkoll effetti ta' feedback.

175. Il-mod li bih l-iskoperturi kkonċentrati jġibu ruħhom b'reazzjoni għall-istess fatturi ta' riskju għandu jkun ikkunsidrat fit-testijiet tal-istress, inkluż ir-riskju ta' telf għal żmien qasir addizzjonali bħala riżultat ta' skoperturi kkonċentrati fuq il-kotba tal-bejgħ bl-imnut u ta' kreditu korporattivi jew f'entitajiet differenti fi grupp.

176. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-impatt ta' skoperturi għal fattur ta' riskju waħdieni jew ta' diversi fatturi ta' riskju li huma korrelatati fuq il-kotba tan-negozju.

177. Biex jivvalutaw il-livell ex ante ta' riskju tal-konċentrazzjoni u/jew l-impatt tax-xenarju fuq il-livell ta' konċentrazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom, fejn xieraq, iqisu iktar jew inqas indikaturi kumplessi, pereżempju l-Indiċi Herfindahl-Hirschmann (HHI) u l-koeffiċjenti Gini.

178. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-eżistenza potenzjali ta' koinċidenzi bejn sorsi ta' konċentrazzjoni differenti. L-istituzzjonijiet m'għandhomx sempliċiment jgħoddu l-impatti tar-riskju iżda wkoll jistabbilixxu metodi ta' aggregazzjoni li jqisu l-motivaturi sottostanti.

### 4.7.9 Riskju tas-self tal-kambju

179. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu li r-riskju ta' self tal-kambju:

a) jista' jinqala' min-nuqqas ta' kapaċità tal-mutwatarju mhux iħħeġġjat (jiġifieri mutwatarji tal-bejgħ bl-imnut u mutwatarji SMEs mingħajr ħeġġ naturali jew finanzjarju li huma esposti għal diskrepanza fil-munita bejn il-valuta tas-self u l-valuta tal-ħeġġ, kif definit fl-EBA/GL/2014/13) li jħallas dejn denominat f'munita differenti mill-munita tal-Istat Membru li fih ġiet awtorizzata l-istituzzjoni;

b) huwa relatat ma' riskju tas-suq purament ta' kreditu u tal-muniti barranin;

c) huwa kkaratterizzat minn relazzjoni mhux linearji ta' komponenti ta' riskju tas-suq ta' kreditu u tal-muniti barranin;

d) huwa influwenzat mir-riskju tar-rata tal-kambju ġenerali; u

e) jista' jirriżulta minn riskju relatat mal-imġiba.

180. Fil-programmi tal-ittestjar tal-istress tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu r-riskju tas-self tal-kambju li jaffettwa l-faċilitajiet ta' kreditu fin-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali tagħhom u d-diversi sorsi ta' riskju tiegħu, waqt li jqisu li n-nuqqas ta' kapaċità tad-debitur li jħallas lura d-dejn tiegħu jista' jkun ġej minn:

a) riskji relatati mas-sors intern ta' dħul tad-debitur;

b) riskji relatati mas-sitwazzjoni ekonomika fil-pajjiż li fih il-munita hija ddenominata; u

c) riskju tal-kambju.

181. Meta jfasslu jew jimplimentaw ix-xenarji tat-test tal-istress tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu li l-impatti tar-riskju tas-self tal-kambju jista' jirriżulta miż-żieda kemm fil-valur pendenti tad-dejn u l-fluss ta' pagamenti biex jitħallas tali dejn, kif ukoll minn żieda fil-valur pendenti tad-dejn meta mqabbel mal-valur tal-assi kollaterali ddenonimanti fil-munita domestika.

182. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw xenarji ta' stress billi jibdlu parametri differenti sabiex ikunu jistgħu jbassru prestazzjonijiet tal-portafoll ta' kreditu tal-kambju f'każijiet differenti, bħal pereżempju:

a) jippreżumu l-apprezzament tar-rata tal-kambju tal-munita ospitanti b'perċentwal prestabbilit;

b) jippreżumu ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-kambju b'punt perċentwali prestabbilit; jew

c) jikkumbinaw dawn it-tnejn flimkien.

183. Sabiex jevalwaw il-vulnerabbiltà potenzjali, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi juru telf ta' riskju ta' kreditu addizzjonali li jirriżulta mir-riskju ta' self tal-kambju b'mod separat mit-telf tar-riskju ta' kreditu u mill-ammonti ta' skoperturi għar-riskju li jirriżultaw mill-impatt tax-xenarju fuq il-fatturi ta' riskju ta' kreditu.

184. Meta jittestjaw ir-riskju ta' self tal-kambju taħt stress, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu mill-inqas:

a) it-tip ta' sistema ta' rata tal-kambju u kif din jista' jkollha impatt fuq l-evoluzzjoni tar-rata tal-kambju bejn il-munita domestika u dik barranija;

b) l-impatt tas-sensittività ta' movimenti tar-rata tal-kambju fuq il-klassifikazzjoni/is-sistema ta' evalwazzjoni tal-kreditu ta' mutwatarju u l-kapaċità ta' servisjar tad-dejn;

c) il-konċentrazzjoni potenzjali tal-attività tas-self f'munita barranija waħda jew f'numru limitat ta' muniti barranin ferm korrelatati;

d) il-konċentrazzjoni potenzjali ta' attività ta' self f'ċerti setturi speċifiċi tal-ekonomija, fil-munita tal-pajjiż, li għandhom negozju ewlieni f'pajjiżi jew fi swieq b'munita barranija u l-evoluzzjoni korrispondenti ta' setturi bħal dawn ferm korrelatati ma' muniti barranin; u

e) il-kapaċità li jiżguraw finanzjament għal dan it-tip ta' portafoll; għall-istituzzjonijiet li japplikaw mudelli interni għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-kapital ta' riskju ta' kreditu, ir-

riskju addizzjonali relatat ma' self f'muniti barranin għandu jkun rifless f'piżijiet ta' riskju ogħla ta' tali assi, u l-lista mhux eżawrjenti ta' varjabbli użata fil-mudelli għandha tinkludi diskrepanzi fir-rati tal-imgħax, proporzjonijiet bejn is-self u l-valur (LTV), il-korrelazzjoni inkroċjata u l-volatilità tal-munita.

185. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu d-dgħufiji sinifikanti possibbli li jistgħu jinħolqu f'mudelli interni b'sottovalutazzjoni possibbli tad-deprezzament tal-munita b'konnessjoni mal-kapaċità tal-klijent li jħallas id-dejn tiegħu, filwaqt li jqisu dawn l-elementi indikattivi li ġejjin:

a) il-politiki monetarji waqt perjodu ta' kriżi spiss huma ffukati fuq l-istimulazzjoni tal-ekonomija reali billi jnaqqsu b'mod sinifikanti r-rati tal-imgħax ta' referenza, b'informazzjoni potenzjalment qarrieqa minn mudelli interni dwar dawn l-effetti indiretti; u

b) l-apprezzament tal-munita jista' jkun parzjalment ikkompensat minn rati ta' imgħax imnaqqsa u dan jista' joħloq sottovalutazzjoni tar-riskju relatat mas-self tal-kambju peress li, f'ambjenti b'rata ta' imgħax żero, tali kompromess jista' ma jkunx possibbli fuq medda twila ta' żmien.

186. Waqt li jivvalutaw l-impatt potenzjali tas-self tal-kambju fuq il-qligħ f'ċertu xenarju, l-istituzzjonijiet għandhom, fejn ikun xieraq, jinkludu s-sistema legali u l-ġurisdizzjoni rilevanti, li jistgħu jġiegħlu lill-istituzzjonijiet jiddenominaw self tal-kambju fil-munita domestika b'rati tal-kambju ferm aktar baxxi minn dawk tas-suq.

## 4.8 L-applikazzjoni ta' programmi ta' ttestjar tal-istress

### 4.8.1 L-ittestjar tal-istress għal finijiet ta' ICAAP/ILAAP

187. Bħala parti mill-ICAAP u mill-ILAAP, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li għandhom biżżejjed riżorsi ta' kapital u ta' likwidità biex ikopru r-riskji li l-istituzzjonijiet huma, jew jistgħu jkunu, esposti għalihom u jiżguraw allokazzjoni xierqa tar-riżorsi ta' kapital u ta' likwidità fost l-entitajiet ta' istituzzjoni fiċ-ċiklu ekonomiku. Din il-valutazzjoni għandha tkun riflessa fil-pjanijiet ta' kapital u ta' likwidità li l-istituzzjonijiet għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti bħala parti mill-informazzjoni ICAAP u ILAAP u bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju tal-grupp u l-profili tal-likwidità.

188. Barra minn hekk, permezz tal-ittestjar tal-istress, l-istituzzjonijiet għandhom jevalwaw l-affidabilità tal-pjanijiet ta' kapital tagħhom taħt kundizzjonijiet ta' stress biex jiżguraw li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kapital applikabbli għalihom. Kwalunkwe evalwazzjoni tal-affidabilità tal-pjan ta' kapital taħt kundizzjonijiet ta' stress għandha tikkunsidra s-severità tax-xenarju u l-probabilità ta' okkorrenza. L-istituzzjonijiet għandhom jittestjaw ukoll l-affidabilità tal-pjanijiet ta' likwidità tagħhom sabiex jiżguraw li jistgħu jissodisfaw obbligazzjonijiet dovuti taħt kundizzjonijiet ta' stress. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-livell ta' trasferibbiltà tar-riżorsi tal-kapital u tal-likwidità f'kundizzjonijiet taħt stress u jikkunsidraw kwalunkwe impediment possibbli, inklużi impedimenti legali, organizzattivi u operazzjonali. Fejn ikun

xieraq, l-istituzzjonijiet għandhom jirrikonoxxu li ċerti elementi ta’ rekwiżiti ta’ kapital, kif ukoll ir-riżervi ta’ likwidità, jistgħu jintużaw f’kundizzjonijiet taħt stress (eż. elementi tar-rekwiżiti ta’ bafer ikkombinat kif speċifikat fil-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE).

189. Minbarra r-rekwiżiti ġenerali relatati mal-programmi ta’ ttestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet speċifikati f’dawn il-linji gwida, it-testijiet tal-istress użati għal finijiet ta’ ICAAP jew ILAAP għandhom jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) l-istituzzjonijiet għandhom ikopru l-kategoriji (u s-subkategoriji) ta’ riskju materjali kollha li l-istituzzjonijiet huma esposti għalihom kemm fir-rigward tal-assi u l-obbligazzjonijiet fuq il-karta bilanċjali b’rabta mal-portafolli materjali jew mas-setturi/mal-ġeografiji, inklużi entitajiet strutturati rilevanti;

b) għandha titqies firxa ta’ xenarji inkluż tal-inqas xenarju ekonomiku avvers li huwa sever iżda plawżibbli, bħal tnaqqis ekonomiku sever u/jew xokk fis-suq kollu u idjosinkratiku għal-likwidità;

c) L-ittestjar tal-istress tal-ICAAP u tal-ILAAP għandu jsir permezz ta’ ttestjar tal-istress komprensiv fl-istituzzjoni kollha u jirrifletti l-entitajiet kollha li għalihom huma meħtieġa ICAAPs jew ILAAPs;

d) It-testijiet tal-istress tal-ICAAP u tal-ILAAP għandhom ikopru l-istess perjodu prospettiv bħall-ICAAP u l-ILAAP tal-istituzzjoni rispettivament, u jkunu aġġornati tal-inqas b’mod regolari bħall-ICAAP u l-ILAAP; it-testijiet tal-istress tal-ICAAP għandhom ikopru perjodu ta’ mill-inqas sentejn.

190. It-testijiet tal-istress tal-ICAAP u tal-ILAAP għandhom ikunu konsistenti mal-aptit għar-riskju u mal-istrateġija globali (inkluża l-istrateġija tan-negozju) tal-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom juru konnessjoni ċara bejn l-aptit għar-riskju tagħhom, l-istrateġija tan-negozju tagħhom u t-testijiet tal-istress tal-ICAAP u tal-ILAAP tagħhom. B’mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-pjanijiet ta’ kapital u ta’ likwidità tagħhom, u kwalunkwe ppjanar tal-kapital intern, inklużi bafers kapitali ta’ ġestjoni, konsistenti mal-aptit għar-riskju ddikjarat u mal-istrateġija tagħhom, u l-ħtiġijiet ta’ kapital intern globali tagħhom, u jibnu l-pożizzjonijiet tal-likwidità tagħhom mill-ġdid wara li jużaw riżervi ta’ likwidità sabiex jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tagħhom waqt perjodu ta’ stress.

191. Barra minn hekk, fit-test tal-istress tal-ICAAP tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-kapaċità tagħhom li jibqgħu ’l fuq mir-rekwiżiti ta’ kapital regolatorji u superviżorji applikabbli (eż. rekwiżiti ta’ kapital SREP totali -TSCR) f’kundizzjonijiet taħt stress.

192. Meta jagħmlu testijiet tal-istress tas-solvenza għall-finijiet tal-ICAAP, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu wkoll l-impatt tax-xenarji fuq il-proporzjon ta' ingranaġġ tal-istituzzjoni kif ukoll obbligazzjonijiet eliġibbli miżmuma għall-finijiet ta’ rekwiżiti minimi għall-obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL).

193. L-ittestjar tal-istress superviżorju li jsir skont l-Artikolu 100 tad-Direttiva 2013/36/UE jew ix-xenarji jew is-suppożizzjonijiet preskritti għal istituzzjoni minħabba l-kontestazzjonijiet superviżorji u l-valutazzjonijiet tat-testijiet tal-istress tal-istess istituzzjoni m'għandux jitqies bħala sostituzzjoni tal-obbligi tal-istituzzjonijiet li jwettqu testijiet tal-istress bħala parti mill-ICAAPs u l-ILAAPs tagħhom.

### 4.8.2 Azzjonijiet ta' ġestjoni

194. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw azzjonijiet ta' ġestjoni kredibbli li jindirizzaw l-outputs tat-testijiet tal-istress u li huma mmirati biex jiżguraw is-solvenza kontinwa tagħhom permezz tax-xenarju tal-istress.

195. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu firxa vasta ta' azzjonijiet ta' ġestjoni (inkluż fil-pjanijiet ta' kontinġenza tal-likwidità) kontra firxa ta' kundizzjonijiet taħt stress plawżibbli waqt li jiffukaw fuq tal-inqas xenarju wieħed sever iżda plawżibbli.

196. Biex jivvalutaw ir-reazzjonijiet possibbli għal sitwazzjoni ta' stress, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw l-azzjonijiet kredibbli li huma l-iktar rilevanti u meta jkollhom joħduhom. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw li ċerti azzjonijiet ta' ġestjoni jkunu meħtieġa immedjatament u li oħrajn jiddependu minn jekk iseħħux avvenimenti speċifiċi, f'liema każ għandhom jiġu identifikati minn qabel skattaturi ta' azzjoni definiti b'mod ċar. L-azzjonijiet ta' ġestjoni għandhom ikunu konsistenti mal-istrateġiji u l-politiki ddikjarati, pereżempju fil-kuntest ta' politiki ta' dividend[7] iddikjarati. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu konservattivi rigward il-kapaċità tagħhom li jieħdu azzjonijiet ta' ġestjoni mitiganti, billi jirrikonoxxu l-impatt possibbli tax-xenarju taħt stress fuq swieq oħrajn.

197. L-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw l-impatti kwalitattivi u kwantitattivi tal-istress qabel u wara azzjonijiet ta' ġestjoni mitiganti. L-impatt qabel l-azzjonijiet ta' ġestjoni għandu jinkludi s-suppożizzjonijiet dwar l-istrateġija, it-tkabbir u r-rikavat assoċjat, iżda jeskludi azzjonijiet ta' ġestjoni li ma jkunux disponibbli f'avveniment ta' stress bħall-istralċ ta' linja ta' negozju jew il-ġbir ta' kapital.

198. L-azzjonijiet ta' ġestjoni aċċettabbli jkunu soġġetti għall-gwida u l-ġudizzju tal-awtoritajiet kompetenti, u jistgħu jinkludu dan li ġej:

a) Ir-rieżami tal-aptit għar-riskju intern u l-limiti tar-riskju;

b) Ir-rieżami tal-użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju;

c) ir-reviżjoni ta' politiki, bħal dawk relatati mal-likwidità u l-finanzjament jew l-adegwatezza kapitali;

d) it-tnaqqis tad-distribuzzjonijiet lill-azzjonisti;

e) il-bidliet fl-istrateġija globali u fil-pjan tan-negozju u l-aptit għar-riskju; u

---

[7] Pereżempju, ara l-Artikolu 141 CRD (ammont massimu distribwibbli).

f) il-ġbir ta' kapital jew finanzjament.

199. L-azzjonijiet ta' ġestjoni antiċipati differenzjati skont ix-xenarju u aġġustati skont is-severità tax-xenarju għandhom ikunu ddokumentati. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw it-tnaqqis tal-effiċjenza bħala konsegwenza tas-sitwazzjonijiet ta' stress estremament severi. Fl-informazzjoni tal-ICAAP u tal-ILAAP li jridu jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw ukoll l-azzjonijiet ta' ġestjoni diġà meħuda abbażi tar-riżultati tat-testijiet tal-istress.